ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 336

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

21 ta' Diċembru 2010

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1225/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010 li jiffissa għall-2011 u l-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-UE għal stokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond** ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1226/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, tortura jew trattamenti jew kastigi oħrajn krudili, disumani jew degradanti** 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1227/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' kriterji tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità għall-istatistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti** ..... 15

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1228/2010 tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana** ..... 17

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1229/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 20

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 ..... 22

**Prezz: EUR 4**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/787/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar Għajnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi** ........ 24

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK** ....... 30

2010/789/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2010 Għajnuna mill-Istat C 1/10 — Il-Belġju dwar Għajnuna maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta mat-tneħħija u l-qerda tal-annimali mejta fl-impriżi agrikoli li jinsabu fir-Reġjun tal-Vallonja** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7263)* ........ 43

2010/790/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar l-adattament tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2009, l-1 ta' Settembru 2009, l-1 ta' Ottubru 2009, l-1 ta' Novembru 2009, l-1 ta' Diċembru 2009 u l-1 ta' Jannar 2010 għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jwettqu dmirijiethom f'pajjiżi terzi** ........ 50

2010/791/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2010 li telenka l-prodotti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-punt III(1) tal-Anness XII għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8434)*........ 55

2010/792/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2010 li testendi l-perjodu tranżitorju li jikkonċerna l-akkwist ta' art agrikola fl-Ungerija** ([1]) ........ 60

2010/793/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2005/1/KE li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fir-Repubblika Ċeka fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' tali karkassi** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 9187)* ........ 62

LINJI GWIDA

2010/794/UE:

★ **Linja ta' Gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2010 li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema *(BĊE/2010/30)*** ........ 63

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1225/2010

**tat-13 ta' Diċembru 2010**

**li jiffissa għall-2011 u l-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-UE għal stokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [1] jesiġi li jiġu stabbiliti miżuri li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insegwiment sostenibbli tal-attivitajiet tas-sajd waqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi eżistenti u b'mod partikolari rapporti magħmulin mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

(3) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont l-attività jew l-attivitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kondizzjonijiet li huma funzjonalment marbutin magħhom, fejn adatt. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri b'mod li tkun żgurata lil kull Stat Membru l-istabbiltà relattiva f'attivitajiet tas-sajd għal kull stokk jew sajd u wara li jitqiesu kif imiss l-għanijiet tal-Politika Komuni dwar is-Sajd stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

(4) Il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, billi jittieħed kont tal-aspetti bijoloġiċi u soċjo-ekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati, b'mod partikolari dawk tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kkonċernati.

(5) L-opportunitajiet tas-sajd għandhom ikunu f'konformità ma' ftehimiet u prinċipji internazzjonali, bħall-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1995 dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet transżonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna [2], u mal-prinċipji dettaljati ta' ġestjoni stabbiliti fil-Linji Gwida Internazzjonali tal-2008 għall-Ġestjoni tas-Sajd f'Baħar Fond fl-Ibħra Miftuħa tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Biedja tan-Nazzjonijiet Uniti, li skonthom, b'mod partikolari, regolatur għandu jkun aktar kawt meta l-informazzjoni ma tkunx ċerta, ma tkunx affidabbli jew ma tkunx adegwata. In-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata m'għandux jintuża bħala raġuni biex ikunu posposti jew jonqos li jittieħdu miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

(6) Il-pariri xjentifiċi l-aktar riċenti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) [3] u mill-STECF [4] jindikaw li l-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-baħar fond jinqabdu b'mod mhux sostenibbli u li l-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet, biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tagħhom, għandhom jitnaqqsu sakemm l-evoluzzjoni tad-daqsijiet tal-istokkijiet turi xejra pożittiva. L-ICES tat ukoll il-parir li m'għandu jkun permess ebda sajd dirett għall-orange roughy.

(7) Dwar il-klieb il-baħar tal-baħar fond, l-ispeċijiet kummerċjali ewlenin huma meqjusin li tbattlu, u għalhekk m'għandux isir sajd dirett għalihom. Sakemm l-ammont ta' qbid inċidentali li ma jistax ikun evitat ikun stabbilit permezz ta' proġetti ta' selettività u ta' miżuri tekniċi oħra, ebda qbid inċidentali m'għandu jitħalla jinħatt l-art.

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

[2] Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet transżonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 16).

[3] Rapport tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICES dwar stokkijiet imqassmin fil-wisa' u dwar stokkijiet migratorji, ktieb 9, Ġunju 2010.

[4] Rapporti Xjentifiċi u Tekniċi taċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka, Analiżi mill-ġdid tal-parir xjentifiku għall-2011, il-parti 2, Lulju 2010.

(8) L-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet tal-baħar fond, kif elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kondizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet tal-baħar fond ([1]), huma deċiżi abbażi ta' darbtejn f'sena. Madankollu, issir eċċezzjoni għall-istokkijiet tal-arġentina u għas-sajd ewlieni għal-linarda, li għalihom l-opportunitajiet tas-sajd jiddependu mir-riżultat tan-negozjati annwali man-Norveġja. L-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet għalhekk huma stabbiliti f'regolament annwali rilevanti ieħor li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd.

(9) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti ([2]), għandhom jiġu identifikati l-istokkijiet li huma soġġetti għad-diversi miżuri msemmijin fih.

(10) Sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, huwa importanti li dawn l-attivitajiet tas-sajd jinfetħu fl-1 ta' Jannar 2011,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

## Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi għas-snin 2011 u 2012 l-opportunitajiet tas-sajd annwali disponibbli għall-bastimenti tal-UE għall-istokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond fl-ilmijiet tal-UE u f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid.

*Artikolu 2*

## Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "bastiment tal-UE" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(b) "ilmijiet tal-UE" tfisser l-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri bl-eċċezzjoni ta' ilmijiet maġenb it-territorji msemmijin fl-Anness II għat-Trattat;

(c) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità li tista' tinqabad u tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(d) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC li tkun allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(e) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li jaqgħu 'l barra mis-sovranità u l-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe Stat.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) Iż-żoni tal-ICES huma dawk definiti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku ([3]);

(b) Iż-żoni tas-CECAF (l-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant jew iż-żona ewlenija tas-sajd 34 tal-FAO) huma kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana ([4]).

*Artikolu 3*

## TACs u allokazzjonijiet

It-TACs għall-ispeċijiet tal-baħar fond li jinqabdu mill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tal-UE u f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-UE, l-allokazzjoni ta' TACs bħal dawn fost l-Istati Membri u l-kondizzjonijiet marbutin funzjonalment magħhom, fejn adatt, huma stipulati fl-Anness.

*Artikolu 4*

## Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet

L-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri msemmija fl-Anness għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) bdil magħmul skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmulin skont l-Artikolu 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal- 20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([5]) jew skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità ([6]);

(c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(d) kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

([1]) ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6.
([2]) ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.
([3]) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70.
([4]) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1.
([5]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([6]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

*Artikolu 5*

**Relazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 847/96**

Għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 847/96, il-kwoti kollha fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala kwoti analitiċi.

*Artikolu 6*

**Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qbid u l-qbid inċidentali**

Il-ħut minn stokkijiet li għalihom huma ffissati opportunitajiet tas-sajd b'dan ir-Regolament għandu jinżamm abbord jew jinħatt l-art biss jekk ikun inqabad minn bastimenti ta' Stat Membru li jkollu kwota li ma tkunx eżawrita.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

*ANNESS*

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għal żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

## PARTI 1

### Definizzjoni tal-ispeċijiet u l-gruppi tal-ispeċijiet

1. Fil-lista li tinsab fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, l-istokkijiet ta' ħut jissemmew skont l-ordni alfabetiku tal-ismijiet bil-Latin tal-ispeċi. Madankollu, il-klieb il-baħar tal-baħar fond tqiegħdu fil-bidu ta' dik il-lista. Hawn taħt tidher ukoll tabella ta' korrispondenza tal-ismijiet komuni u tal-ismijiet bil-Latin għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

| Isem komuni | Isem xjentifiku |
|---|---|
| Ċinturin iswed | *Aphanopus carbo* |
| Alfonsinos | *Beryx* spp. |
| Roundnose grenadier | *Coryphaenoides rupestris* |
| Orange roughy | *Hoplostethus atlanticus* |
| Linarda | *Molva dypterygia* |
| Paġell tal-garġi | *Pagellus bogaraveo* |
| Lipp tal-qawwi | *Phycis* spp. |

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "klieb il-baħar tal-baħar fond" tfisser il-lista ta' speċijiet li ġejja:

| Isem komuni | Isem xjentifiku |
|---|---|
| Catsharks tal-baħar fond | *Apristurus* spp. |
| Frilled shark | *Chlamydoselachus anguinL-UEs* |
| Żagħrun | *Centrophorus granulosus* |
| Leafscale gulper shark | *Centrophorus squamosus* |
| Mazzola Portugiża | *Centroscymnus coelolepis* |
| Longnose velved dogfish | *Centroscymnus crepidater* |
| Mazzol iswed | *Centroscyllium fabricii* |
| Mazzola (munqar l-għasfur) | *Deania calcea* |
| Murruna sewda | *Dalatias licha* |
| Mazzola kbira tal-fanal | *Etmopterus princeps* |
| Mazzola tal-fanal | *Etmopterus spinax* |
| Gattarell ħalqu iswed | *Galeus melastomus* |
| Mouse catshark | *Galeus murinus* |
| Murruna b'sitt garġi | *Hexanchus griseus* |
| Sailfin roughshark (Sharpback shark) | *Oxynotus paradoxus* |
| Knifetooth dogfish | *Scymnodon ringens* |
| Greenland shark | *Somniosus microcephalus* |

## PARTI 2

### Opportunitajiet tas-sajd annwali applikabbli għall-bastimenti tal-UE f'żoni fejn jeżistu TACs skont l-ispeċi u skont iż-żona (f'tunnellati metriċi ta' piż ħaj)

| **Speċi:** Klieb il-baħar tal-baħar fond | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' V, VI, VII, VIII u IX (DWS/56789-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 (1) | 2012 | |
| Ġermanja | 0 | 0 | |
| Estonja | 0 | 0 | |
| Irlanda | 0 | 0 | |
| Spanja | 0 | 0 | |
| Franza | 0 | 0 | |
| Litwanja | 0 | 0 | |
| Polonja | 0 | 0 | |
| Portugall | 0 | 0 | |
| Renju Unit | 0 | 0 | |
| UE | 0 | 0 | |
| TAC | 0 | 0 | |

(1) Qabdiet inċidentali sa 3 % tal-kwoti tal-2009 huma permessi:
Bħala referenza: kwoti tal-2009

| | |
|---|---|
| Ġermanja | 20 |
| Estonja | 1 |
| Irlanda | 55 |
| Spanja | 93 |
| Franza | 339 |
| Litwanja | 1 |
| Polonja | 1 |
| Portugall | 127 |
| Renju Unit | 187 |

| **Speċi:** Klieb il-baħar tal-baħar fond | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' X (DWS/10-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 (1) | 2012 | |
| Portugall | 0 | 0 | |
| UE | 0 | 0 | |
| TAC | 0 | 0 | |

(1) Massimu ta' 8 % minn kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VIII u IX.
Bħala referenza: kwoti tal-2009

| | |
|---|---|
| Portugall | 10 |

| **Speċi:** | Klieb il-baħar tal-baħar fond u *Deania hystricosa* u *Deania profundorum* | **Żona:** | L-ilmijiet internazzjonali ta' XII (DWS/12-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2011 [1] | 2012 |
|---|---|---|
| Irlanda | 0 | 0 |
| Spanja | 0 | 0 |
| Franza | 0 | 0 |
| Renju Unit | 0 | 0 |
| UE | 0 | 0 |
| TAC | 0 | 0 |

(1) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd dirett għal din il-kwota.
Bħala referenza: kwoti tal-2009

| | |
|---|---|
| Irlanda | 1 |
| Spanja | 17 |
| Franza | 6 |
| Renju Unit | 1 |

| **Speċi:** | Ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' I, II, III u IV (BSF/1234-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2011 | 2012 |
|---|---|---|
| Ġermanja | 4 | 3 |
| Franza | 4 | 3 |
| Renju Unit | 4 | 3 |
| UE | 12 | 9 |
| TAC | 12 | 9 |

| **Speċi:** | Ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' V, VI, VII u XII (BSF/56712-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2011 | 2012 |
|---|---|---|
| Ġermanja | 27 | 25 |
| Estonja | 13 | 12 |
| Irlanda | 67 | 62 |
| Spanja | 134 | 124 |
| Franza | 1 884 | 1 743 |
| Latvja | 88 | 81 |
| Litwanja | 1 | 1 |
| Polonja | 1 | 1 |
| Renju Unit | 134 | 12 |
| Oħrajn [1] | 7 | 6 |
| UE | 2 356 | 2 179 |
| TAC | 2 356 | 2 179 |

(1) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd dirett għal din il-kwota.

| **Speċi:** Ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VIII, IX u X (BSF/8910-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Spanja | 11 | 11 | |
| Franza | 26 | 26 | |
| Portugall | 3 311 | 3 311 | |
| UE | 3 348 | 3 348 | |
| TAC | 3 348 | 3 348 | |

| **Speċi:** Ċinturin iswed *Aphanopus carbo* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' CECAF 34.1.2. (BSF/C3412-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Portugall | 4 071 | 3 867 | |
| UE | 4 071 | 3 867 | |
| TAC | 4 071 | 3 867 | |

| **Speċi:** Alfonsinos *Beryx* spp. | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (ALF/3X14-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Irlanda | 10 | 10 | |
| Spanja | 74 | 74 | |
| Franza | 20 | 20 | |
| Portugall | 214 | 214 | |
| Renju Unit | 10 | 10 | |
| UE | 328 | 328 | |
| TAC | 328 | 328 | |

| **Speċi:** Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' I, II u IV (RNG/124-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Danimarka | 2 | 1 | |
| Ġermanja | 2 | 1 | |
| Franza | 9 | 10 | |
| Renju Unit | 2 | 1 | |
| UE | 15 | 13 | |
| TAC | 15 | 13 | |

| **Speċi:** | Roundnose grenadier<br>*Coryphaenoides rupestris* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' III (RNG/03-) (1) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2011 | 2012 |
|---|---|---|
| Danimarka | 804 | 804 |
| Ġermanja | 5 | 5 |
| Svezja | 41 | 41 |
| UE | 850 | 850 |
| TAC | 850 | 850 |

(1) Ebda sajd dirett għar-roundnose grenadier m'għandu jsir fiż-żona tal-ICES IIIa sakemm isiru konsultazzjonijiet bejn l-UE u n-Norveġja

| **Speċi:** | Roundnose grenadier<br>*Coryphaenoides rupestris* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' Vb, VI, VII (RNG/5B67-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2011 (1) | 2012 (1) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 5 | 5 |
| Estonja | 43 | 38 |
| Irlanda | 190 | 165 |
| Spanja | 48 | 41 |
| Franza | 2 409 | 2 096 |
| Litwanja | 55 | 48 |
| Polonja | 28 | 25 |
| Renju Unit | 141 | 123 |
| Oħrajn (2) | 5 | 5 |
| UE | 2 924 | 2 546 |
| TAC | 2 924 | 2 546 |

(1) Massimu ta' 8 % minn kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VIII, IX, X, XII u XIV.
(2) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd dirett għal din il-kwota.

| **Speċi:** | Roundnose grenadier<br>*Coryphaenoides rupestris* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VIII, IX, X, XII u XIV (RNG/8X-14-) |
|---|---|---|---|

| Sena | 2011 (1) | 2012 (1) |
|---|---|---|
| Ġermanja | 30 | 26 |
| Irlanda | 6 | 6 |
| Spanja | 3 286 | 2 857 |
| Franza | 151 | 132 |
| Latvja | 53 | 46 |
| Litwanja | 6 | 6 |
| Polonja | 1 028 | 894 |
| Renju Unit | 13 | 12 |
| UE | 4 573 | 3 979 |
| TAC | 4 573 | 3 979 |

(1) Massimu ta' 8 % minn kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' Vb, VI, VII.

| **Speċi:** Orange roughy *Hoplostethus atlanticus* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VI (ORY/06-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Irlanda | 0 | 0 | |
| Spanja | 0 | 0 | |
| Franza | 0 | 0 | |
| Renju Unit | 0 | 0 | |
| UE | 0 | 0 | |
| TAC | 0 | 0 | |

| **Speċi:** Orange roughy *Hoplostethus atlanticus* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VII (ORY/07-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Irlanda | 0 | 0 | |
| Spanja | 0 | 0 | |
| Franza | 0 | 0 | |
| Renju Unit | 0 | 0 | |
| Oħrajn | 0 | 0 | |
| UE | 0 | 0 | |
| TAC | 0 | 0 | |

| **Speċi:** Orange roughy *Hoplostethus atlanticus* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XII u XIV (ORY/1CX14C) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Irlanda | 0 | 0 | |
| Spanja | 0 | 0 | |
| Franza | 0 | 0 | |
| Portugall | 0 | 0 | |
| Renju Unit | 0 | 0 | |
| UE | 0 | 0 | |
| TAC | 0 | 0 | |

| **Speċi:** Linarda *Molva dypterygia* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' II u IV (BLI/24-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Danimarka | 4 | 4 | |
| Ġermanja | 4 | 4 | |
| Irlanda | 4 | 4 | |
| Franza | 25 | 25 | |

| **Speċi:** Linarda *Molva dypterygia* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' II u IV (BLI/24-) |
|---|---|---|---|
| Renju Unit | 15 | 15 | |
| Oħrajn (1) | 4 | 4 | |
| UE | 56 | 56 | |
| TAC | 56 | 56 | |

(1) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd dirett għal din il-kwota.

| **Speċi:** Linarda *Molva dypterygia* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' III (BLI/03-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Danimarka | 4 | 3 | |
| Ġermanja | 2 | 2 | |
| Svezja | 4 | 3 | |
| UE | 10 | 8 | |
| TAC | 10 | 8 | |

| **Speċi:** Paġell tal-garġi *Pagellus bogaraveo* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VI, VII u VIII (SBR/678-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 (1) | 2012 (1) | |
| Irlanda | 6 | 6 | |
| Spanja | 172 | 172 | |
| Franza | 9 | 9 | |
| Renju Unit | 22 | 22 | |
| Oħrajn (2) | 6 | 6 | |
| UE | 215 | 215 | |
| TAC | 215 | 215 | |

(1) Għandu jitħares daqs ta' ħatt l-art minimu ta' 35 ċm (tul totali). Madankollu 15 % tal-ħut li jinħatt l-art jista' jkollu daqs minimu ta' ħatt l-art ta' mill-anqas 30 ċm (tul totali).
(2) Qabdiet inċidentali biss. Mhux permess sajd dirett għal din il-kwota.

| **Speċi:** Paġell tal-garġi *Pagellus bogaraveo* | | | **Żona:** L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' IX (SBR/09-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 (1) (2) | 2012 (1) (2) | |
| Spanja | 614 | 614 | |
| Portugall | 166 | 166 | |
| UE | 780 | 780 | |
| TAC | 780 | 780 | |

(1) Għandu jitħares daqs ta' ħatt l-art minimu ta' 35 ċm (tul totali). Madankollu 15 % tal-ħut li jinħatt l-art jista' jkollu daqs minimu ta' ħatt l-art ta' mill-anqas 30 ċm (tul totali).
(2) Massimu ta' 8 % minn kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VI, VII u VIII.

| **Speċi:** | Paġell tal-garġi *Pagellus bogaraveo* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' X (SBR/10-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Spanja | 10 | 10 | |
| Portugall | 1 116 | 1 116 | |
| Renju Unit | 10 | 10 | |
| UE | 1 136 | 1 136 | |
| TAC | 1 136 | 1 136 | |

| **Speċi:** | Lipp tal-qawwi *Phycis* spp. | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' I, II, III u IV (GFB/1234-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | |
| Ġermanja | 9 | 9 | |
| Franza | 9 | 9 | |
| Renju Unit | 13 | 13 | |
| UE | 31 | 31 | |
| TAC | 31 | 31 | |

| **Speċi:** | Lipp tal-qawwi *Phycis* spp. | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' V, VI u VII (GFB/567-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 (1) | 2012 (1) | |
| Ġermanja | 10 | 10 | |
| Irlanda | 260 | 260 | |
| Spanja | 588 | 588 | |
| Franza | 356 | 356 | |
| Renju Unit | 814 | 814 | |
| UE | 2 028 | 2 028 | |
| TAC | 2 028 | 2 028 | |

(1) Massimu ta' 8 % minn kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VIII u IX.

| **Speċi:** | Lipp tal-qawwi *Phycis* spp. | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' VIII u IX (GFB/89-) |
|---|---|---|---|
| Sena | 2011 (1) | 2012 (1) | |
| Spanja | 242 | 242 | |
| Franza | 15 | 15 | |
| Portugall | 10 | 10 | |
| UE | 267 | 267 | |
| TAC | 267 | 267 | |

(1) Massimu ta' 8 % minn kull kwota jista' jinstad fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' V, VI, VII.

| **Speċi:** | Lipp tal-qawwi<br>*Phycis* spp. | | **Żona:** | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali ta' X u XII<br>(GFB/1012-) |
|---|---|---|---|---|
| Sena | 2011 | 2012 | | |
| Franza | 9 | 9 | | |
| Portugall | 36 | 36 | | |
| Renju Unit | 9 | 9 | | |
| UE | 54 | 54 | | |
| TAC | 54 | 54 | | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1226/2010

## tal-20 ta’ Diċembru 2010

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta’ ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, tortura jew trattamenti jew kastigi oħrajn krudili, disumani jew degradanti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta’ Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta’ ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, tortura jew trattamenti jew kastigi oħrajn krudili, diżumani jew degradanti ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jelenka l-awtoritajiet kompetenti li għalihom huma attribwiti funzjonijiet speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni ta’ dak ir-Regolament.

(2) Wara talba li saret mill-Estonja l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti fl-Estonja għandha tiġi emendata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru No 1236/2005 huwa b’dan emendat kif stipulat fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 huwa emendat kif ġej:

L-informazzjoni fit-taqsima Estonja għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-ESTONJA

Eesti Välisministeerium
Rahvusvaheliste organisatsioonide ja julgeolekupoliitika osakond
Relvastus- ja strateegilise kauba kontrolli büroo
Islandi väljak 1
15049 Tallinn
Eesti
Tel: +372 637 7200
Faks: +372 637 7288
E-mail: stratkom@mfa.ee"

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1227/2010

## tal-20 ta' Diċembru 2010

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' kriterji tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità għall-istatistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika tal-Komunità li tikkonċerna l-bilanċ tal-pagamenti, il-kummerċ internazzjonali f'servizzi u l-investiment dirett barrani.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 [2] jistabbilixxi kriterji tal-kwalità komuni u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità għall-istatistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti.

(3) Il-kriterji tal-kwalità komuni u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità għall-istatistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti għandhom bżonn ikunu adattati sabiex jirriflettu l-kriterji ta' kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament u tal-Kunsill [3] dwar l-istatistika Ewropea.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1055/2008 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Bilanċ tal-Pagamenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1055/2008 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rapporti tagħhom tal-kwalità sa mhux aktar tard il-31 ta' Mejju ta' kull sena."

2. L-Anness jinbidel bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23.
[2] ĠU L 283, 28.10.2008, p. 3.
[3] ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

*ANNESS*

1. **Introduzzjoni**

Ir-rapport tal-kwalità għandu jinkludi kemm indikaturi kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi tal-kwalità. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tipprovdi r-riżultati tal-indikaturi kwantitattivi għal kull Stat Membru, ikkalkulati fuq il-bażi tad-dejta pprovduta. L-Istati Membri għandhom jinterpretaw u jikkummentaw dwarhom fid-dawl tal-metodoloġija tal-ġabra tagħhom.

2. **L-iskeda**

— Kull sena, sa tmiem l-ewwel kwart tas-sena, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tipprovdi lill-Istati Membri b'abbozzi ta' dokumenti għar-rapporti tal-kwalità, ibbażati fuq dejta li ntbagħtet is-sena preċedenti, li diġà jinkludu, parzjalment, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi kwantitattivi u informazzjoni oħra disponibbli lill-Kummissjoni (lil-Eurostat).

— Kull sena, fi żmien xahrejn minn meta jasal ir-rapport ta' kwalità mimli minn qabel u mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bir-rapport ta' kwalità lest.

3. **Il-kriterji ta' kwalità**

Ir-rapport ta' kwalità għandhu jkun fih indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jkopru l-kriterji kollha ta' kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1228/2010**

**tal-15 ta' Diċembru 2010**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Unjoni Ewropea;

Wara li kkunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffi u nomenklatura dwar statistika u t-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa n-Nomenklatura Maqgħuda ("NM") biex jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, l-istatistiki tal-kummerċ estern tal-Unjoni, u politiki oħra tal-Unjoni li jirrigwardaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-oġġetti.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali [2] japplika għall-każijiet fejn it-tassazzjoni mhix iġġustifikata.

(3) F'ċerti ċirkostanzi, tiġi kkunsidrata n-natura speċjali ta' xi wħud mill-movimenti tal-oġġetti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1186/2009, jidher xieraq li jitnaqqas l-oneru amministrattiv meta wieħed jiddikjara tali movimenti, billi jiġi assenjat lilhom kodiċi NM speċifiku. Huwa l-każ, b'mod partikolari, meta l-klassifikazzjoni ta' kull tip ta' oġġetti f'moviment għall-fini tal-mili tad-dikjarazzjoni doganali timplika xogħol u spiża sproporzjonata għall-interessi inkwistjoni.

(4) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-kopertura kummerċjali, id-definizzjoni tad-dejta, il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju u skont il-munita tal-fatturat, u movimenti jew oġġetti speċifiċi [3] u (KE) Nru 1982/2004 tat-18 ta' Novembru 2004 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1901/2000 u (KEE) Nru 3590/92 [4] jippermettu lill-Istati Membri li jużaw sistema ta' kodifikazzjoni għal ċerti oġġetti fl-istatistiċi esterni u interni tal-UE.

(5) Dawk ir-regolamenti jipprovdu għal kodiċijiet ta' oġġetti speċifika li għandu jiġi użat f'kundizzjonijiet speċjali. Għal raġunijiet ta' trasparenza kif ukoll għal finijiet ta' informazzjoni, tali kodiċijiet għandhom jissemmew fin-NM.

(6) Għal dawn ir-raġunijiet, huwa xieraq li l-Kapitolu 99 jiddaħħal inserit fin-NM.

(7) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.
[3] ĠU L 37, 10.2.2010, p. 1.
[4] ĠU L 343, 19.11.2004 p. 3.

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa emendat kif ġej:

(1) Fis-Sommarju, it-Tieni Parti, Taqsima XXI, Kapitolu 99, il-frażi "(*Irriżervat għal użi speċjali determinati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità*)" hija ssostitwita bis-segwenti: "Kodiċi Speċjali tan-Nomenklatura Magħquda".

(2) Fit-Tieni Parti, Taqsima XXI, bejn l-aħħar tal-Kapitolu 98 u t-"Tielet Parti", qed jiddaħħal il-"Kapitolu 99" li ġej:

"*KAPITOLU 99*

**KODIĊI SPEĊJALI TAN-NOMENKLATURA MAGĦQUDA**

*Subkapitolu I*

**Kodiċijiet ta' Nomenklatura Magħquda għal ċerti movimenti speċifiċi ta' oġġetti**

(importazzjoni jew esportazzjoni)

**Noti addizzjonali:**

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subkapitolu japplikaw biss għal movimenti ta' oġġetti li jissemmew fih.

   Tali oġġetti għandhom jiġu ddikjarati fis-subintestatura rilevanti jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tagħhom u ta' kwalunkwe regolament li japplika. Id-deskrizzjoni ta' tali oġġetti għandhom tkun preċiża biżżejjed biex dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati.

   Madanakollu, l-Istati Membri, jistgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subkapitolu sa fejn ikollhom x'jaqsmu ma' dazji jew imposti oħra tal-importazzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subkapitolu ma japplikawx għall-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri.

3. L-oġġetti importati u esportati hekk kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1186/2009 u li għalihom il-benefiċċju tal-eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni ikun ġie rrifjutat huma esklużi minn dan is-subkapitolu.

   Il-movimenti li fihom oġġetti li huma suġġetti għal kwalunkwe projbizzjoni jew restrizzjoni huma esklużi wkoll minn dan is-subkapitolu.

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni | Nota: |
|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 |
| | **Ċerti oġġetti, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1186/2009 (Importazzjoni u Esportazzjoni):** | |
| **9905 00 00** | — Proprjetà personali ta' persuni fiżiċi li jittrasferixxu l-post tar-residenza normali tagħhom | (1) |
| **9919 00 00** | — L-oġġetti li ġejjin, għajr dawk imsemmija aktar 'il fuq: | |
| | — — Bjankerija u oġġetti tad-dar li jappartjenu lil persuna li qed titrasferixxi l-post normali ta' residenza tagħha fil-każ taż-żwieġ tagħha; proprjetà personali akkwistati permezz ta' wirt. | (1) |
| | — — Tibdiliet tal-iskola, materjal edukattiv u affarijiet domestiċi relatati | (1) |
| | — — Twiebet li jkun fihom iġsma, urni funerarji li fihom l-irmied ta' persuni deċeduti u oġġetti funerarji ornamentali | (1) |
| | — — Oġġetti għal organizzazzjonijiet tal-karità jew filantropiċi u oġġetti għall-benefiċċju ta' vittmi ta' diżastri | (1) |

(1) Fl-istadju tal-importazzjoni, l-inklużjoni taħt din is-subintestatura u l-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni għandha tiġi suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

*Subkapitolu II*

**Kodiċijiet ta' Nomenklatura Magħquda għal ċerti movimenti speċifiċi ta' merkanzija**

**Noti addizzjonali:**

1. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 113/2010 tad-9 ta' Frar 2010 li jimplimenta r-Regolament (KE) 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward ta' kopertura kummerċjali, id-definizzjoni tad-dejta, il-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-kummerċ skont il-karatteristiċi tan-negozju u skont il-munita tal-fatturat, u movimenti jew oġġetti speċifiċi ([1]) u r-Regolament (KE) Nru 1982/2004 tat-18 ta' Novembru 2004 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 638/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi tal-Komunità rigward il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1901/2000 u (KEE) Nru 3590/92 ([2]) jippermettu lill-Istati Membri li jużaw sistema ta' kodifikazzjoni għal ċerti oġġetti fl-istatistiċi esterni u interni tal-UE.

2. Il-kodiċijiet stipulati f'dan is-subkapitolu huma suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 113/2010 u r-Regolament (KE) Nru 1982/2004.

| Kodiċi | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 1 | 2 |
| **9930** | **Oġġetti konsenjati lil bastimenti u ajruplani:** |
| 9930 24 00 | — oġġetti min-NM kapitoli 1 sa 24 |
| 9930 27 00 | — oġġetti min-NM kapitolu 27 |
| 9930 99 00 | — oġġetti klassifikati band'oħra |
| **9931** | **Oġġetti konsenjati għall-ekwipaġġ ta' installazzjonijiet lil hinn mill-kosta jew għat-tħaddim ta' magni, makkinarji u tagħmir ieħor tal-installazzjoni lil hinn mill-kosta:** |
| 9931 24 00 | — oġġetti min-NM kapitoli 1 sa 24 |
| 9931 27 00 | — oġġetti miln-NM kapitolu 27 |
| 9931 99 00 | — oġġetti klassifikati band'oħra |
| **9950 00 00** | **Kodiċi użat biss fil-kummerċ tal-oġġetti bejn l-Istati Membri għal tranżazzjonijiet individwali li l-valur tagħhom huwa inqas minn EUR 200 u għall-irrapurtar ta' prodotti residwi f'xi każi.**" |

([1]) ĠU L 37, 10.2.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 343, 19.11.2004, p. 3.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1229/2010

## tal-20 ta' Diċembru 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 71,2 |
| | EG | 88,4 |
| | MA | 47,9 |
| | TR | 114,5 |
| | ZZ | 80,5 |
| 0707 00 05 | EG | 140,2 |
| | JO | 158,2 |
| | TR | 78,6 |
| | ZZ | 125,7 |
| 0709 90 70 | MA | 79,0 |
| | TR | 95,8 |
| | ZZ | 87,4 |
| 0805 10 20 | AR | 43,0 |
| | BR | 41,5 |
| | MA | 65,0 |
| | PE | 58,9 |
| | TR | 55,8 |
| | UY | 48,7 |
| | ZA | 44,7 |
| | ZZ | 51,1 |
| 0805 20 10 | MA | 68,3 |
| | ZZ | 68,3 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | HR | 61,3 |
| | IL | 71,6 |
| | TR | 70,0 |
| | ZZ | 67,6 |
| 0805 50 10 | AR | 49,2 |
| | TR | 51,4 |
| | UY | 49,2 |
| | ZZ | 49,9 |
| 0808 10 80 | AR | 74,9 |
| | CA | 110,7 |
| | CL | 84,2 |
| | CN | 83,7 |
| | MK | 29,3 |
| | NZ | 74,9 |
| | US | 110,7 |
| | ZA | 124,1 |
| | ZZ | 86,6 |
| 0808 20 50 | CN | 76,6 |
| | US | 86,2 |
| | ZZ | 81,4 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1230/2010

## tal-20 ta' Diċembru 2010

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1184/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.
([4]) ĠU L 330, 15.12.2010, p. 7.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-21 ta' Diċembru 2010**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 ([1]) | 64,20 | 0,00 |
| 1701 11 90 ([1]) | 64,20 | 0,00 |
| 1701 12 10 ([1]) | 64,20 | 0,00 |
| 1701 12 90 ([1]) | 64,20 | 0,00 |
| 1701 91 00 ([2]) | 59,68 | 0,00 |
| 1701 99 10 ([2]) | 59,68 | 0,00 |
| 1701 99 90 ([2]) | 59,68 | 0,00 |
| 1702 90 95 ([3]) | 0,60 | 0,17 |

([1]) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
([2]) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
([3]) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-10 ta' Diċembru 2010**

**dwar Għajnuna mill-Istat biex jiġi ffaċilitat l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi**

(2010/787/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod l-punt (e) tal-Artikolu 107(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1407/2002 tat-23 ta' Lulju 2002 dwar għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-faħam ([2]) jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010.

(2) Il-kontribut żgħir tal-faħam issussidjat għat-taħlita globali tal-enerġija ma għadux jiġġustifika ż-żamma ta' dawn is-sussidji sabiex tkun żgurata l-provvista tal-enerġija fl-Unjoni.

(3) Il-politika tal-Unjoni li tinkoraġġixxi sorsi tal-enerġija rinnovabbli u ekonomija sostenibbli u sigura b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju ma tiġġustifikawx l-appoġġ indefinit tal-minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi. Il-kategoriji ta' għajnuna permessi bir-Regolament (KE) Nru 1407/2002 għalhekk ma għandhomx jitkomplew indefinittivament.

(4) Madanakollu, fin-nuqqas ta' regoli speċifiċi għas-settur tal-Għajnuna mill-Istat, japplikaw biss ir-regoli ġenerali dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-faħam. F'dan il-kuntest, il-minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi u li attwalment qegħdin jibbenefikaw minn għajnuna skont ir-Regolament (KE) Nru 1407/2002, jistgħu ma jibqgħux eliġibbli għall-għajnuna u jistgħu jkunu mġiegħla jagħlqu.

(5) Mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali dwar l-Għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jieħdu miżuri biex itaffu l-konsegwenzi soċjali u reġjonali tal-għeluq ta' dawk il-minjieri, jiġifieri l-istralċ ordnat tal-attivitajiet fil-kuntest ta' pjan irrivokabbli ta' għeluq u/jew il-finanzjament tal-ispejjeż eċċezzjonali, b'mod partikolari r-responsabbiltajiet li jintirtu.

(6) Din id-Deċiżjoni timmarka t-transizzjoni għas-settur tal-faħam, mill-applikazzjoni ta' regoli speċifiċi għas-settur għall-applikazzjoni ta' regoli ġenerali ta' Għajnuna mill-Istat li huma applikabbli għas-setturi kollha.

(7) Sabiex jitnaqqsu għal minimu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern li jirriżultaw mill-għajnuna u sabiex jiġi nkoraġġit l-għeluq tal-minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi, din l-għajnuna għandha tkun digressiva u strettament limitata għall-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam li huma ppjanati rrivokabbilment għall-għeluq.

(8) Sabiex jittaffa l-impatt ambjentali mill-produzzjoni tal-faħam mill-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam li lilhom tingħata għajnuna għall-għeluq, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan ta' miżuri adatti, pereżempju fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli jew il-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju.

(9) L-intrapriżi għandhom ikunu eliġibbli għal għajnuna biex jiġu koperti l-ispejjeż li, f'konformità mal-prattiki normali tal-kontabbiltà, ma jaffettwawx direttament l-ispejjeż tal-produzzjoni. Din l-għajnuna hija maħsuba biex tkopri spejjeż eċċezzjonali li jirriżultaw mill-għeluq tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam tagħhom. Sabiex ikun evitat li din l-għajnuna tkun ta' benefiċċju għal intrapriżi li ma ħaqqhomx u li jagħlqu biss xi wħud mis-siti ta' produzzjoni tagħhom, l-intrapriżi kkonċernati għandhom iżommu kontijiet separati għal kull wieħed mill-unitajiet ta' produzzjoni tagħhom.

(10) Fit-twettiq tal-kompitu tagħha taħt din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni jiġu stabbiliti, miżmuma u segwiti. Fir-rigward, aktar speċifikament, għas-suq tal-elettriku, għajnuna lill-industrija tal-faħam ma għandhiex tkun tali li taffettwa lilll-produtturi tal-elettriku fl-għażla tas-sorsi ta' provvista primarja tal-enerġija. Konsegwentament, il-prezzijiet u l-kwantitajiet tal-faħam għandhom ikunu maqbula liberament bejn il-partijiet kontraenti fid-dawl tal-kondizzjonijiet prevalenti fis-suq dinji.

([1]) Opinjoni tat-23 ta' Novembru 2010 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU L 205, 2.8.2002, p. 1.

(11) L-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni m’għandiex teskludix li l-għajnuna għall-industrija tal-faħam tista’ tinsab kompatibbli mas-suq intern għal raġunijiet oħra. F’dan il-kuntest, regoli speċifiċi oħrajn, b’mod partikolari dawk dwar l-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-għajnuna għall-protezzjoni ambjentali u l-għajnuna għall-attivitajiet ta’ taħriġ, jibqgħu japplikaw fil-limiti tal-intensitajiet massimi tal-għajnuna, dment li ma jkunx previst mod ieħor.

(12) Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżuri nnotifikati abbażi ta’ din id-Deċiżjoni u tieħu d-deċiżjonijiet f’konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta’ Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]).

(13) Biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta’ kontinwità bejn il-miżuri previsti fir-Regolament (KE) Nru 1407/2002 u l-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2011,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU 1

**DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “faħam” tfisser faħam fil-kategoriji A u B ta’ grad għoli, grad medju u grad baxx fit-tifsira tas-sistema ta’ kodifikazzjoni internazzjonali għall-faħam stabbilita mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa ([2]);

(b) “għeluq” tfisser il-waqfien permanenti tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-faħam;

(c) “pjan ta’ għeluq” tfisser pjan imfassal minn Stat Membru li jipprevedi miżuri li jilħqu l-qofol tagħhom fl-għeluq definittiv ta’ unitajiet ta’ produzzjoni tal-faħam;

(d) “unità ta’ produzzjoni tal-faħam” tfisser sit tal-faħam taħt l-art jew fil-miftuħ u infrastrutturi relatati li kapaċi jipproduċu faħam mhux maħdum indipendentament minn partijiet oħra tal-intrapriża;

(e) “sena tal-faħam” tfisser sena kalendarja jew perijodu ieħor ta’ 12-il xahar użat bħala referenza għal kuntratti fl-industrija tal-faħam;

(f) “spejjeż tal-produzzjoni” tfisser spejjeż totali relatati mal-produzzjoni attwali, inklużi operazzjonijiet ta’ tħaffir, operazzjonijiet għat-tlestija tal-faħam, b’mod partikolari il-ħasil, l-għażla skont id-daqs u l-kwalità, u t-trasport lejn il-post fejn ser jintuża, deprezzament normali u imposti ta’ mgħax ibbażat fuq is-suq fuq kapital misluf;

(g) “telf attwali mill-produzzjoni” tfisser id-differenza pożittiva bejn l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-faħam u l-prezz tal-bejgħ fil-punt fejn ser jintuża maqbula liberament bejn il-partijiet kontraenti fid-dawl tal-kondizzjonijiet prevalenti fis-suq dinji.

KAPITOLU II

**KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA**

*Artikolu 2*

**Prinċipju**

1. Fil-kuntest tal-għeluq ta’ minjieri li mhumiex kompetittivi, l-għajnuna għall-industrija tal-faħam tista’ tkun ikkunsidrata kompatibbli mal-funzjonament adatt tas-suq intern jekk tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni.

2. L-għajnuna għandha tkopri biss spejjeż b’rabta mal-faħam għall-produzzjoni tal-elettriku, il-produzzjoni tas-sħana u l-elettriku flimkien, il-produzzjoni tal-kokk u l-karburazzjoni tal-kalkari tal-blast fl-industrija tal-azzar, fejn tali użu jseħħ fl-Unjoni.

*Artikolu 3*

**Għajnuna għall-għeluq**

1. L-għajnuna għal xi intrapriża maħsuba speċifikament biex tkopri t-telf attwali mill-produzzjoni tal-unitajiet ta’ produzzjoni tal-faħam tista’ titqies kompatibbli biss mas-suq intern jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operazzjoni tal-unitajiet ta’ produzzjoni kkonċernati trid tkun tagħmel parti minn pjan ta’ għeluq li l-iskadenza tiegħu ma taqbiżx il-31 ta’ Diċembru 2018;

(b) l-unitajiet ta’ produzzjoni tal-faħam ikkonċernati jridu jingħalqu definittivament f’konformità mal-pjan ta’ għeluq;

(c) l-għajnuna nnotifikata ma għandhiex teċċedi d-differenza bejn l-ispejjeż prevedibbli ta’ produzzjoni u d-dħul prevedibbli għas-sena tal-faħam. L-għajnuna mħallsa effettivament trid tkun soġġetta għal korrezzjoni annwali, ibbażata fuq l-ispejjeż u d-dħul effettivi, sa mhux iktar tard minn tmiem is-sena ta’ produzzjoni tal-faħam wara is-sena li fiha tkun ingħatat l-għajnuna;

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

([2]) Sistema internazzjonali għall-kodifikazzjoni tal-faħam ta’ grad medju u għoli (1998), Klassifikazzjoni internazzjonali tal-faħam fis-saff (1998) u Sistema internazzjonali tal-kodifikazzjoni ta’ faħam ta’ grad baxx (1999).

(d) l-ammont ta' għajnuna ekwivalenti għal kull tunnellata ta' faħam ma tridx twassal biex il-prezzijiet tal-faħam tal-Unjoni fil-punt fejn ser jintuża jkunu orħos minn dawk ta' faħam ta' kwalità simili minn pajjiżi terzi;

(e) l-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam ikkonċernati għandhom ikunu ilhom attivi mill-31 ta' Diċembru 2009;

(f) l-ammont globali tal-għajnuna għall-għeluq mogħtija minn Stat Membru għandu jsegwi xejra 'l isfel: sa tmiem l-2013 it-tnaqqis m'għandux ikun anqas minn 25 %, sa tmiem l-2015 mhux anqas minnanqas 40 %, sa tmiem l-2016 mhux anqas minn 60 % u sa tmiem l-2017 mhux anqas minn 75 % tal-għajnuna mogħtija fl-2011;

(g) l-ammont totali tal-għajnuna għall-għeluq għall-industrija tal-faħam ta' Stat Membru ma għandux jeċċedi, fi kwalunkwe sena wara l-2010, l-ammont ta' għajnuna mogħtija minn dak l-Istat Membru u awtorizzata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 1407/2002 għas-sena 2010.

(h) l-Istati Membri għandhom jipprovdu pjan biex jieħdu miżuri bil-għan li jittaffa l-impatt ambjentali tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam lil lilhom tingħata għajnuna skont dan l-Artikolu, pereżempju fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli jew il-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju.

2. L-inklużjoni ta' miżuri li jikkostitwixxu Għajnuna tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat fi pjan kif imsemmi fil-punt (h) tal-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għan-notifika u l-obbligazzjonijiet ta' waqfa imposti fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' tali miżuri mill-Artikolu 108(3) tat-Trattat, u għall-kompatibiltà ta' tali miżuri mas-suq intern.

3. Jekk l-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam li qegħdin jingħataw l-għajnuna skont il-paragrafu 1 ma jingħalqux fid-data stabbilita fil-pjani ta' għeluq kif awtorizzati mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirkupra l-għajnuna kollha mogħtija fir-rigward tal-perijodu kollu kopert mill-pjan ta' għeluq.

*Artikolu 4*

**Għajnuna li tkopri spejjeż eċċezzjonali**

1. Għajnuna mill-Istat mogħtija lil intrapriżi li jwettqu jew li wettqu xi attività marbuta mal-produzzjoni tal-faħam sabiex ikunu jistgħu jkopru l-ispejjeż li jirriżultaw minn jew li rriżultaw mill-għeluq ta' unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam u li mhumiex relatati mal-produzzjoni attwali, tista' titqies kompatibbli mas-suq intern dment li l-ammont imħallas ma jeċċedix dawn l-ispejjeż. Din l-għajnuna tista' tintuża biex tkopri:

(a) l-ispejjeż imġarrba u l-provvedimenti għall-ispejjeż magħmula biss minn intrapriżi li qed jagħlqu jew li għalqu unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam, inklużi l-intrapriżi li jibbenefikaw minn għajnuna għall-għeluq;

(b) l-ispejjeż imġarrba għadd ta' intrapriżi.

2. Il-kategoriji ta' spejjeż koperti mill-paragrafu 1 huma definiti fl-Anness. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal spejjeż li jirriżultaw minn nuqqas ta' konformità mar-regolamenti ambjentali.

*Artikolu 5*

**Kumulazzjoni**

1. L-ammont massimu ta' għajnuna awtorizzata skont din id-Deċiżjoni għandu japplika irrispettivament minn jekk l-għajnuna tkunx iffinanzjata kompletament mill-Istati Membri jew jekk tkun parzjalment finanzjata mill-Unjoni.

2. Għajnuna awtorizzata skont din id-Deċiżjoni ma għandhiex tingħaqqad ma' Għajnuna oħra mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat jew ma' forom oħrajn ta' finanzjament tal-Unjoni għall-istess spejjeż eliġibbli jekk din id-duplikazzjoni tirriżulta f'ammont ta' għajnuna ogħla minn dak awtorizzat skont din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 6*

**Separazzjoni tal-kontijiet**

Kull għajnuna li jirċievu l-intrapriżi għandha tintwera fil-kontijiet ta' qligħ u telf bħala entrata separata ta' dħul distinta mill-fatturat. Fejn l-intrapriżi jibbenefikaw minn għajnuna skont din id-Deċiżjoni jkomplu jinnegozjaw jew joperaw wara l-għeluq ta' xi wħud mill-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam tagħhom jew kollha kemm huma, huma għandhom iżommu kontijiet preċiżi u separati għal kull waħda mill-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam tagħhom u għal attivitajiet ekonomiċi oħrajn li mhumiex relatati mal-minjieri tal-faħam. L-għajnuna mogħtija skont din id-Deċiżjoni għandha tkun amministrata b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda possibiltà li tkun trasferita għal unitajiet oħra ta' produzzjoni tal-faħam li ma jkunux parti mill-pjan ta' għeluq jew għal attivitajiet ekonomiċi oħrajn tal-istess intrapriża.

KAPITOLU 3

**PROĊEDURI**

*Artikolu 7*

**Informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri**

1. Minbarra r-Regolament (KE), l-għajnuna kif imsemmija f'din id-Deċiżjoni għandha tkun soġġetta għar-regoli speċjali stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Stati Membri li jkollhom l-intenzjoni li jagħtu għajnuna għall-għeluq kif imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom jinnotifikaw pjan ta' għeluq għall-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam ikkonċernati lill-Kummissjoni. Il-pjan għandu jkun fih tal-inqas dan li ġej:

(a) l-identifikazzjoni tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam,

(b) l-ispejjeż effettivi jew stmati tal-produzzjoni għal kull unità ta' produzzjoni tal-faħam għal kull sena tal-faħam;

(c) il-produzzjoni stmata tal-faħam, għal kull sena tal-faħam, tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam li jkunu s-suġġett ta' pjan ta' għeluq;

(d) l-ammont stmat ta' għajnuna għall-għeluq għall kull sena tal-faħam.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe emenda għall-pjan ta' għeluq lill-Kummissjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-għajnuna kollha li għandhom l-intenzjoni li jagħtu lill-industrija tal-faħam skont din id-Deċiżjoni matul is-sena tal-faħam. Huma għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni d-dettalji kollha relevanti għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-produzzjoni prevedibbli flimkien mar-relazzjoni tagħhom mal-pjani ta' għeluq li jkun ġew innotifikat lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ammont, u dwar il-kalkoli tal-għajnuna imħallsa effettivament matul is-sena tal-faħam, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tas-sena in kwistjoni. Fejn issir kwalunkwe korrezzjoni għall-ammonti oriġinarjament imħallsa matul sena tal-faħam partikolari, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel it-tmiem tas-sena tal-faħam segwenti.

6. Meta jinnotifikaw l-għajnuna kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 u meta jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna mħallsa effettivament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tivverifika li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jiġu segwiti.

KAPITOLU 4

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 8*

**Miżuri implimentattivi**

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Hija tista', fil-limiti stabbiliti minn din id-Deċiżjoni, tistabbilixxi qafas konġunt għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Hija għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. VAN QUICKENBORNE

*ANNESS*

**DEFINIZZJONI TAL-ISPEJJEŻ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4**

1. Spejjeż imġarrba u dispożizzjonijiet għall-ispejjeż magħmula biss minn intrapriżi li għalqu jew qegħdin jagħlqu l-unitajiet ta' produzzjoni.

   Il-kategoriji ta' spejjeż li ġejjin esklussivament, u biss jekk jirriżultaw mill-għeluq ta' unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam:

   (a) l-ispiża tal-ħlas ta' benefiċċji soċjali li tirriżulta mill-fatt li ħaddiema qegħdin jirċievu pensjoni qabel ma jilħqu l-età statutorja tal-pensjoni;

   (b) infiq ieħor eċċezzjonali fuq ħaddiema li tilfu jew li jitilfu xogħlhom;

   (c) il-ħlas ta' pensjonijiet u allowances barra mis-sistema statutorja lil ħaddiema li tilfu jew li jitilfu xogħlhom u lil ħaddiema bid-dritt għal dawn il-ħlasijiet qabel l-għeluq;

   (d) l-ispiża koperta mill-intrapriżi biex il-ħaddiema jerġgħu jaddattaw irwieħhom u b'hekk jiġu megħjuna jsibu xogħlijiet ġodda barra mill-industrija tal-faħam, speċjalment l-ispejjeż għat-taħriġ;

   (e) il-provvista ta' faħam mingħajr ħlas lil ħaddiema li tilfu jew li jitilfu xogħlhom u lil ħaddiema bid-dritt għal tali provvista qabel l-għeluq, jew il-valur monetarju ekwivalenti;

   (f) l-ispejjeż residwi li jirriżultaw min dispożizzjonijiet amministrattivi, legali jew fiskali li huma speċifiċi għall-industrija tal-faħam;

   (g) ix-xogħol addizzjonali għas-sigurtà taħt l-art li jirriżulta mill-għeluq tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam;

   (h) id-dannu kkawżat mill-minjieri, bil-kondizzjoni li dan kien ikkawżat mill-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam soġġetti li ġew magħluqa jew li qiegħdin jiġu magħluqa;

   (i) l-ispejjeż kollha ġustifikati b'mod debitu relatati mar-riabilitazzjoni ta' dawk li qabel kienu siti tal-minjieri, inklużi:

   — spejjeż residwi li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet lil korpi responsabbli għall-provvista tal-ilma u għat-tneħħija tal-ilma mormi,

   — spejjeż residwi oħrajn li jirriżultaw mill-provvista tal-ilma u mit-tneħħija tal-ilma mormi;

   (j) l-ispejjeż residwi li jkopru l-assigurazzjoni tas-saħħa ta' dawk li qabel kienu ħaddiema tal-minjieri;

   (k) l-ispejjeż relatati mal-kanċellazzjoni jew il-modifika ta' kuntratti li jkunu għadhom għaddejjin (għal valur massimu ta' 6 xhur produzzjoni);

   (l) id-deprezzament intrinsiku eċċezzjonali dment li jirriżulta mill-għeluq tal-unitajiet ta' produzzjoni;

   (m) l-ispejjeż għar-rikultivazzjoni tal-uċuħ tal-art.

   Iż-żieda fil-valur tal-art għandha titnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli għall-kategoriji ta' spejjeż imsemmija fil-punti (g), (h), (i) u (m).

2. Spejjeż imġarrba u dispożizzjonijiet għall-ispejjeż magħmula minn bosta intrapriżi

Il-kategoriji ta' spejjeż li ġejjin esklussivament:

(a) żieda fil-kontribuzzjonijiet, barra mis-sistema statutorja, sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali bħala riżultat tat-tnaqqis fin-numru ta' kontributuri, wara l-għeluq tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam;

(b) l-infiq li tirriżulta mill-għeluq tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam, fuq il-provvista tal-ilma u t-tneħħija tal-ilma mormi;

(c) iż-żieda fil-kontribuzzjonijiet lill-korpi responsabbli għall-provvista tal-ilma u t-tneħħija tal-ilma mormi, dment li din iż-żieda tkun tirriżulta minn tnaqqis, wara l-għeluq tal-unitajiet ta' produzzjoni tal-faħam, fil-produzzjoni tal-faħam soġġetta għal imposta.

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/788/PESK**

**tal-20 ta' Diċembru 2010**

**dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Mejju 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo [1] wara l-adozzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fil-31 ta' Marzu 2008 tar-Riżoluzzjoni 1807 (2008) ("UNSCR 1807 (2008)").

(2) Fl-1 ta' Diċembru 2010, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1533 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSCR 1533 (2004)") emenda l-lista ta' persuni u entitajiet li kienu soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Il-proċedura biex jiġi emendat l-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tinkludi l-għoti, lill-persuni u l-entitajiet magħżula, tar-raġunijiet għall-elenkar sabiex tingħatalhom l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jintbagħtu osservazzjonijiet jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata kif meħtieġ.

(4) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u notevolment id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi applikata f'konformità ma' dawk id-drittijiet u prinċipji.

(5) Din id-Deċiżjoni tirrispetta bis-sħiħ ukoll l-obbligi tal-Istati Membri skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u n-natura legalment vinkolanti tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.

(6) Il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK għandha għalhekk titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(7) Il-miżuri implimentattivi tal-Unjoni huma mniżżla fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 889/2005 tat-13 ta' Ġunju 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo [2] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi ristrettivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo [3],

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u kwalunkwe materjal relatat ta' kull tip, direttament jew indirettament, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dak imsemmi qabel lill-entitajiet kollha mhux governattivi u lill-individwi li joperaw fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji ta' Stati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jużaw il-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kif ukoll jekk le.

2. Għandu wkoll ikun ipprojbit li:

(a) jingħataw, jinbiegħu, isir forniment jew trasferiment ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' attivitajiet militari u mal-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u partijiet ta' rikambju għal dak imsemmi qabel, direttament jew indirettament lill-entitajiet kollha mhux governattivi u lill-individwi kollha li joperaw fit territorju tar-RDK;

(b) jingħata finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, inkluż b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi jew materjal relatat, jew għal kwalunkwe għotja, bejgħ, provvista, jew trasferiment ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn, direttament jew indirettament lill-entitajiet mhux governattivi u l-individwi kollha li joperaw fit-territorju tar-RDK.

*Artikolu 2*

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

(a) il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u kwalunkwe materiel relatat jew l-għoti ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija finanzjarja u servizzi oħrajn relatati mal-armi u materjal relatat maħsubin biss għas-sostenn ta' jew l-użu mill-Missjoni tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-RDK (MONUC);

[1] ĠU L 127, 15.5.2008, p. 84.

[2] ĠU L 152, 15.6.2005, p. 1.

[3] ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

(b) il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' lbies protettiv, inklużi ġkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn ir-RDK minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, rappreżentanti tal-mezzi tax-xandir u ħaddiema umanitarji u fil-qasam tal-iżvilupp u persunal assoċjat, għall-użu personali tagħhom biss;

(c) il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir militari non-letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, jew l-għoti ta' għajnuna u taħriġ tekniku, relatati ma' tali tagħmir non-letali.

2. Il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u ta' kwalunkwe materjal relatat jew l-għoti ta' servizzi jew għajnuna u taħriġ tekniku msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont il-UNSCR 1533 (2004) (Kumitat tas-Sanzjonijiet) notifika minn qabel ta' kull kunsinna ta' armi u materjal relatat għar-RDK, jew b'kwalunkwe għoti ta' għajnuna teknika, finanzjarja, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' attivitajiet militari fir-RDK, minbarra dawk imsemmijin fil-paragrafi 1 (a) u (b). Tali notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż, fejn xieraq, l-utent aħħari, id-data proposta għall-kunsinna u l-itinerarju ta' kunsinni bil-baħar.

4. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw kunsinni taħt il-paragrafu 1 fuq bażi ta' każ b'każ, b'kont sħiħ meħud tal-kriterji stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari [1]. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu salvagwardji adegwati kontra l-użu ħażin tal-awtorizzazzjonijiet mogħtijin skont il-paragrafu 2 u, fejn ikun adatt, jieħdu provvedimenti għar-ripatrijazzjoni tal-armi u l-materjal relatat ikkonsenjati.

*Artikolu 3*

Il-miżuri restrittivi kif previsti fl-Artikoli 4(1) u 5(1) u (2) għandhom jiġu imposti kontra l-persuni u, kif ikun adatt, l-entitajiet, indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, li ġejjin:

— persuni jew entitajiet li jaġixxu bi ksur tal-embargo fuq l-armi u l-miżuri relatati kif imsemmijin fl-Artikolu 1,

— mexxejja politiċi u militari ta' gruppi armati barranin li joperaw fir-RDK li jimpedixxu d-diżarmament u r-ripatrijazzjoni volontarja jew is-sistemazzjoni mill-ġdid tal-kombattenti li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi,

— mexxejja politiċi u militari ta' milizzji Kongoliżi li jirċievu appoġġ minn barra r-RDK, li jimpedixxu l-parteċipazzjoni tal-kombattenti tagħhom fil-proċessi tad-diżarmament, id-demobilitazzjoni u reintegrazzjoni,

— mexxejja politiċi u militari li joperaw fir-RDK u jirreklutaw jew jużaw it-tfal f'konflitti armati bi ksur tal-liġi internazzjonali applikabbli,

— individwi li joperaw fir-RDK u jwettqu ksur serju tal-liġi internazzjonali li jinvolvi li jkunu mmirati tfal jew nisa f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat, inklużi qtil u mankament, vjolenza sesswali, ħtif u spostament furzat,

— individwi li jostakolaw l-aċċess għall-għajnuna umanitarja jew id-distribuzzjoni tagħha fil-parti tal-Lvant tar-RDK,

— individwi jew entitajiet li jappoġġaw lill-gruppi armati illegali fil-parti tal-Lvant tar-RDK permezz tal-kummerċ illeċitu tar-riżorsi naturali.

Il-persuni u l-entitajiet rilevanti huma elenkati fl-Anness.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, tal-persuni msemmijin fl-Artikolu 3.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga lil Stat Membru li jiċħad id-dħul taċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika meta l-Kumitat tas-Sanzjonijiet:

(a) jiddetermina minn qabel u fuq bażi ta' każ b'każ li d-dħul jew it-transitu ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' bżonn umanitarju, inkluż obbligu reliġjuż,

(b) jikkonkludi li eżenzjoni tkun qed tiffavorixxi l-objettivi tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà, jiġifieri l-paċi u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali fir-RDK u l-istabbiltà fir-reġjun,

(c) jawtorizza minn qabel u fuq bażi ta' każ b'każ it-transitu ta' individwi li sejrin lura lejn it-territorju tal-Istat tan-nazzjonalità tagħhom jew li qed jieħdu sehem fi sforzi biex jitressqu lejn il-ġustizzja persuni li wettqu ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-liġi umanitarja internazzjonali.

4. F'każijiet fejn, skont il-paragrafu 3, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, ta' persuni indikati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tingħata u għall-persuni konċernati minnha.

[1] ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

*Artikolu 5*

1. Il-fondi, l-assi finanzjarji l-oħrajn u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma l-proprjetà ta' jew huma kkontrollati direttament jew indirettament mill-persuni jew l-entitajiet msemmijin fl-Artikolu 3 jew li huma fil-pussess ta' entitajiet li huma l-proprjetà ta' jew huma kkontrollati direttament jew indirettament minnhom jew minn kwalunkwe persuna jew entità li taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, kif identifikati fl-Anness, għandhom ikunu ffriżati.

2. Fl-ebda każ m'għandhom fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, lill-persuni jew l-entitajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu eżenzjonijiet mill-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 fir-rigward ta' fondi, assi finanzjarji oħrajn u riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inkluż ħlasijiet ta' oġġetti tal-ikel, kiri jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, premji tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet għal servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u r-rimborż ta' spejjeż assoċjati mal-għoti ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew kontijiet għal servizz, skont il-liġi nazzjonali, għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment ta' fondi ffriżati, jew assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħra;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru konċernat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u approvazzjoni minn dan tal-aħħar;

(e) is-suġġett ta' rahan jew sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali, f'liema każ il-fondi, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi l-oħrajn jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dak ir-rahan jew dik is-sentenza bil-kondizzjoni li r-rahan jew is-sentenza kienu ddaħħlu qabel l-inklużjoni mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-persuna jew l-entità kkonċernata, u mhix għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 3, wara notifika mill-Istat Membru konċernat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. L-eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3(a), (b) u (c) jistgħu jsiru wara notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet mill-Istati Membru konċernat tal-intenzjoni tiegħu li jawtorizza, fejn ikun adatt, l-aċċess għal tali fondi, assi finanzjarji oħrajn u riżorsi ekonomiċi, u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fi żmien erbat ijiem tax-xogħol minn tali notifika.

5. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew introjti oħrajn fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew seħħew qabel id-data meta dawk il-kontijiet saru soġġetti għal miżuri restrittivi,

bil-kondizzjoni li kull tali imgħax, qligħ u ħlasijiet oħrajn ikomplu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.

*Artikolu 6*

Il-Kunsill għandu jemenda l-lista li tinsab fl-Anness abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

*Artikolu 7*

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jelenkaw persuna jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi dik il-persuna jew entità fl-Anness. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, sabiex b'hekk tali persuna jew entità tingħata l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.

2. Fejn jintbagħtu osservazzjonijiet jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata kif meħtieġ.

*Artikolu 8*

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni u l-entitajiet elenkati kif ipprovduti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

2. L-Anness għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, informazzjoni pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet li tkun meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward ta' persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Anness għandu jinkludi wkoll id-data tal-inklużjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta, emendata jew mħassra kif ikun adatt, kif iddeterminat mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 10*

Il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. SCHAUVLIEGE

*ANNESS*

a) Lista ta' persuni msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5

| Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid/ post tat-twelid | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Frank Kakolele BWAMBALE | Frank Kakorere<br>Frank Kakorere Bwambale | | Telaq mis-CNDP f'Jannar 2008. Minn Diċembru 2008 residenti f'Kinshasa. | Qabel kien mexxej ta' RDK-ML, eżerċita influwenza fuq il-politika u kellu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-forzi tal-RDK-ML, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), kien responsabbli għat-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. | 1.11.2005 |
| Gaston IYAMUREMYE | Rumuli<br>Byiringiro Victor Rumuli<br>Victor Rumuri<br>Michel Byiringiro | 1948<br>Musanze District (Provinċja tat-Tramuntana), ir-Rwanda<br>Ruhengeri, ir-Rwanda | It-Tieni Viċi-President tal-FDLR<br>Brigadier Ġenerali<br>Minn Novembru 2010 residenti jew f'Kibua, Kivu tat-Tramuntana, RDK, jew f'Aru, Provinċija Orjentali, RDK. | Skont bosta sorsi, inkluż il-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU RDK, Gaston Iyamuremye huwa t-tieni viċi president tal-FDLR u huwa kkunsidrat bħala membru ewlieni tat-tmexxija militari u l-politika tal-FDLR. Gaston Iyamuremye mexxa wkoll l-uffiċċju ta' Ignace Murwanashyaka (President tal-FDLR) f'Kibua, RDK sa Diċembru 2009. | 1.12.2010 |
| Jérôme KAKWAVU BUKANDE | Jérôme Kakwavu | | Kongoliż<br>Magħruf bħala: "Commandant Jérôme"<br>Arrestat minn Ġunju 2010 u issa qed jinżamm fil-ħabs ċentrali ta' Kinshasa. Inbdew proċedimenti ġudizzjarji kontrih u kontra tnejn oħra mill-ħames uffiċjali anzjani tal-FARDC. | Qabel kien President tal-UCD/FAPC. Kontroll tal-FAPC ta' okkupazzjonijet illegali fuq il-fruntiera bejn l-Uganda u r-RDK- rotta ta' transitu ewlenija għaċ-ċirkolazzjoni tal-armi. Bħala President tal-FAPC, huwa jeżerċita influwenza fuq il-politika u jżomm kmand u kontroll fuq l-attivitatjiet tal-forzi tal-FAPC, li kienu involuti fit-traffikar tal-armi u, konsegwentament, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Mogħti l-grad ta' Ġeneral fl-FARDC f'Diċembru 2004.<br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'Ituri fl-2002.<br>Wieħed minn ħames uffiċjali anzjani tal-FARDC li ġew akkużati ta' delitti serji li kienu jinvolvu l-vjolenza sesswali u li l-każijiet tagħhom kienu tressqu għall-attenzjoni tal-Gvern mill-Kunsill tas-Sigurtà waqt iż-żjara tiegħu fl-2009. | 1.11.2005 |
| Germain KATANGA | | | Kongoliż<br>Taħt arrest domiċiljari f'Kinshasa minn Marzu 2005 minħabba involviment tal-FRPI f'abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem.<br>Konsenjat mill-Gvern tar-RDK lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fit-18 ta' Ottubru 2007. | Kap tal-FRPI. Maħtur Ġeneral fl-FARDC f'Diċembru 2004. Involut fi trasferimenti ta' armamenti, bi ksur tal-embargo fuq l-armi.<br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'Ituri mill-2002 sal-2003. | 1.11.2005 |

| Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid/ post tat-twelid | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Thomas LUBANGA | | Ituri | Kongoliż<br>Arrestat f'Kinshasa f'Marzu 2005 minħabba involviment tal-UPC/L f'abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem.<br>Trasferit għall-QKI mill-awtoritajiet Kongoliżi fis-17 ta' Marzu 2006.<br>Minn Diċembru 2008 qed jiġi pproċessat għal delitti tal-gwerra. | President tal-UPC/L, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi.<br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'Ituri mill-2002 sal-2003. | 1.11.2005 |
| Khawa Panga MANDRO | Kawa Panga<br>Kawa Panga Mandro<br>Kawa Mandro<br>Yves Andoul Karim<br>Mandro Panga Kahwa<br>Yves Khawa Panga Mandro | 20 ta' Awwissu 1973, Bunja | Kongoliż<br>Magħruf bħala:<br>"Chief Kahwa"<br>"Kawa"<br>Arrestat mill-awtoritajiet Kongoliżi f'Ottubru 2005, meħlus mill-Qorti tal-Appell f'Kisangani, sussegwentement trasferit għall-awtoritajiet ġudizzjarji f'Kinshasa fuq akkużi ġodda ta' delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra, omiċidju, attakki aggravati u swat. | Ex-President tal-PUSIC, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzja msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003) involut fi traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Fil-ħabs f'Bunja mill-04/05 minħabba s-sabotaġġ tal-proċess ta' paċi ta' Ituri.<br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal mill-2001 sal-2002. | 1.11.2005 |
| Callixte MBARUSHIMANA | | 24 ta' Lulju 1963, Ndusu/Ruhengeri Provinċja tat-Tramuntana, ir-Rwanda | Rwandi<br>Post attwali: Pariġi jew Thaïs, Franza | Segretarju Eżekuttiv tal-FDLR u Viċi-President tal-kmand militari għoli tal-FDLR.<br>Mexxej Politiku/Militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li jimpedixxu d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u s-sistemazzjoni mill-ġdid ta' kombattenti, skont ir-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. | 3.3.2009 |
| Iruta Douglas MPAMO | Mpano<br>Douglas Iruta Mpamo | 28 ta' Diċembru 1965, Bashali, Masisi<br>29 ta' Diċembru 1965, Goma, RDK (qabel iż-Żaire) | Kongoliż<br>Ibbażat f'Goma u Gisenyi, ir-Rwanda.<br>Spiss jaqsam il-fruntiera internazzjonali bejn ir-Rwanda u l-Kongo.<br>Indirizz: Bld Kanyamuhanga 52, Goma | Sid/Maniġer tal-Compagnie Aérienne des Grands Lacs u tal-Great Lakes Business Company, li l-inġenji tal-ajru tagħhom intużaw biex jipprovdu għajnuna lill-gruppi armati u l-milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003). Responsabbli wkoll għall-ħabi ta' informazzjoni taħt forma oħra dwar titjiriet u merkanziji apparentament sabiex jippermetti l-ksur tal-embargo fuq l-armi. | 1.11.2005 |

| Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid/ post tat-twelid | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Sylvestre MUDACUMURA | | | Rwandi<br>Magħruf bħala: "Radja", "Mupenzi Bernard", "General Major Mupenzi", "General Mudacumura"<br>Minn Noembru 2009, ikompli jservi bħala kmandant militari tal-FDLR-FOCA.<br>Ibbażat f'Kibua, territorju Masisi, RDK. | Kmandant tal-FDLR, jeżerċeta influwenza fuq il-politika, u għandu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-forzi tal-FDLR, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi.<br>Mudacumura (jew membri tal-persunal) kien f'komunikazzjoni telefonika mal-mexxej tal-FDLR Murwanashyaka l-Ġermanja, ukoll fil-ħin tal Massakru f'Busurungi f'Mejju 2009, u l-kmandant militari l-Maġġur Guillaume waqt l-operazzjonijiet Umoja Wetu u Kimia II fl-2009.<br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għal 27 każ ta' reklutaġġ u użu tat-tfal minn truppi taħt il-kmand tiegħu f'Kivu tat-Tramuntana mill-2002 sal-2007. | 1.11.2005 |
| Leodomir MUGARAGU | Manzi Leon<br>Leo Manzi | 1954<br>1953<br>Kigali, ir-Rwanda<br>Rushashi (Provinċja tat-Tramuntana), ir-Rwanda | Indirizz: Katoyi, Kivu tat-Tramuntana, RDK<br>Kap tal-Persunal tal-FDLR/FOCA<br>Brigadier Ġenerali | Skont rappurtar minn sorsi miftuħa u rappurtar uffiċjali, Leodomir Mugaragu huwa l-Kap tal-Persunal tal-Forces Combattantes Abucunguzi/Forza Kombattenti għal-Liberazzjoni tar-Rwanda (FOCA), il-fergħa armata tal-FDLR.<br>Skont rappurtar uffiċjali Mugaragu jagħmel pjanijiet f'livell għoli għall-operazzjonijiet militari tal-FDLR fil-Lvant tar-RDK. | 1.12.2010 |
| Leopold MUJYAMBERE | Musenyeri<br>Achille<br>Frere Petrus<br>Ibrahim | 17 ta' Marzu 1962, Kigali, ir-Rwanda<br>Est. 1966 | Rwandi<br>Grad: Kurunell<br>Post attwali: Mwenga, Kivu tan-Nofsinhar, RDK | Kmandant tat-Tieni Diviżjoni tal-FOCA/ il-Brigati ta' Riżerva (fergħa armata tal-FDLR). Mexxej militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li jimpedixxi d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u s-sistemazzjoni mill-ġdid ta' kombattenti, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Skont evidenza miġbura mill-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet RDK tal-KSNU, imniżżla fid-dettall fir-rapport tiegħu tat-13 ta' Frar 2008, bniet irkuprati mill-FDLR-FOCA kienu qabel ġew maħtufin u abbużati sesswalment. Minn nofs l-2007, l-FDLR-FOCA, li qabel kienet tirrekluta subien lejn in-nofs jew aktar tal-età bejn it-tlettax u d-dsatax-il sena, qed tirrekluta bil-forza żgħażagħ mill-età ta' 10 snin. L-iżgħar fosthom imbagħad jintużaw bħala skorti, u tfal akbar fl-età jiġu skjerati bħala suldati fuq il-linja ta' quddiem, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP4 (d) u (e) tal-Kunsill tas-Sigurtà. | 3.3.2009 |
| Dr. Ignace MURWANASHYAKA | Ignace | 14 ta' Mejju 1963, Butera (Rwanda)<br>Ngoma, Butare (Rwanda) | Rwandi<br>Residenti fil-Ġermanja<br>Minn Novembru 2009, għadu rikonoxxut bħala l-President tal-fergħa politika tal-FDLR-FOCA u l-kmandant suprem tal-forzi armati tal-FDLR. | President tal-FDLR, u kmandant suprem tal-forzi armati tal-FDLR, jeżerċita influwenza fuq il-politika, u għandu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-forzi tal-FDLR, wieħed mill-gruppi armati u milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi.<br>F'komunikazzjoni telefonika mal-kmandanti militari tal-FDLR fuq il-post (inkluż matul il-massakru f'Busurungi f'Mejju 2009); ta ordinijiet militari lill-kmandanti għoljin; involut fil-koordinazzjoni tat-trasferiment ta' armi u munizzjon lill-unitajiet tal-FDLR u t-twassil ta' struzz]jonijiet speċifiċi għall-użu; jamministra somom kbar ta' flus li | 1.11.2005 |

| Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid/ post tat-twelid | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Arrestat mill-Pulizija Federali tal-Ġermanja fis-17 ta' Novembru 2009 fuq suspett li wettaq delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fir-RDK, kif ukoll fuq il-bażi ta' akkużi oħra relatati mal-formazzjoni u s-sħubija f'organizzazzjoni terroristika barranija. | jirrużultaw mill-bejgħ illeċitu ta' riżorsi naturali f'żoni taħt il-kontroll tal-FDLR (pġ.24-25, 83)<br><br>Mar l-Uganda fl-2006 bi ksur tal-projbizzjoni tal-ivvjaġġar<br><br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kellu responsabbiltà ta' kmand bħala l-President u l-kmandant militari tal-FDLR għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal mill-FDLR fil-Kongo tal-Lvant. | |
| Straton MUSONI | IO Musoni | 6 ta' April 1961 (possibbilment l-4 ta' Ġunju 1961) Mugambazi, Kigali, ir-Rwanda | Passaport tar-Rwanda li skada fl-10 ta' Settembru 2004<br><br>Residenti f'Neuffen, il-Ġermanja<br><br>Minn Novembru 2009, għadu rikonoxxut bħala l-Ewwel Viċi-President tal-fergħa politika tal-FDLR-FOCA u l-President tal-kmand għoli militari tal-FDLR.<br><br>Arrestat mill-Pulizija Federali tal-Ġermanja fis-17 ta' Novembru 2009 fuq suspett li wettaq delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra fir-RDK, kif ukoll fuq il-bażi ta' akkużi oħra relatati mal-formazzjoni u s-sħubija f'organizzazzjoni terroristika barranija. | Permezz tat-tmexxija tiegħu tal-FDLR, grupp armat barrani li jopera fir-RDK, Musoni qiegħed jimpedixxi d-diżarm u r-ripatrijazzjoni jew is-sistemazzjoni mill-ġdid volontarji ta' kombattenti li jagħmlu parti minn dawk il-gruppi, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1649 (2005). | 29.3.2007 |
| Jules MUTEBUTSI | Jules Mutebusi<br><br>Jules Mutebuzi<br><br>Colonel<br><br>Mutebutsi | Kivu tan-Nofsinhar | Kongoliż (Kivu tan-Nofsinhar)<br><br>Arrestat mill-awtoritajiet Rwandin f'Diċembru 2007 meta pprova jaqsam il-fruntiera lejn ir-RDK. Jingħad li attwalment jinsab "imrażżan." | Qabel kien Deputat Kmandant Reġjonali Militari tal-FARDC tal-Għaxar MR f'April 2004, kien imkeċċi minħabba nuqqas ta' dixxiplina u ngħaqad ma' elementi oħra tar-rinnegat ta' dak li qabel kien l-RCDG biex jieħdu l-belt ta' Bukavu bil-forza f'Mejju 2004.<br><br>Implikat fir-riċeviment ta' armamenti barra l-istrutturi tal-FARDC u l-forniment ta' provvisiti lill-gruppi armati u l-milizzja msemmija f'paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), bi ksur tal-embargo fuq l-armi. | 1.11.2005 |
| Mathieu, Chui NGUDJOLO | Cui Ngudjolo | | "Kurunell" jew "Ġeneral" Ikkonsenjat mill-Gvern tar-RDK lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fis-7 ta' Frar 2008. | Kap tal-Persunal tal-FNI u qabel kien Kap tal-Persunal tal-FRPI, kien jeżerċita influwenza fuq il-politika u kellu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-forzi tal-FRPI, wieħed mill-gruppi armati u l-milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), responsabbli għat-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Arrestat minn MONUC f'Bunja f'Ottubru 2003.<br><br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu ta' tfal taħt il-ħmistax-il sena f'Ituri fl-2006. | 1.11.2005 |

| Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid/ post tat-twelid | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Floribert Ngabu NJABU | Floribert Njabu<br>Floribert Ndjabu<br>Floribert Ngabu Ndjabu | | Arrestat u miżmum taħt arrest domiċiljari f'Kinshasa minn Marzu 2005 minħabba involviment tal-FNI f'abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem. | President tal-FNI, wieħed mill-gruppi armati u milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. | 1.11.2005 |
| Laurent NKUNDA | Nkunda Mihigo Laurent<br>Laurent Nkunda Bwatare<br>Laurent Nkundabatware<br>Laurent Nkunda Mahoro Batware<br>Laurent Nkunda<br>Batware | 6 ta' Frar 1967<br>Kivu tat-Tramuntana/ Rutshuru<br>2 ta' Frar 1967 | Kongoliż<br>Magħruf bħala:<br>"Chairman"<br>"General Nkunda"<br>"Papa Six"<br>Arrestat fuq art tar-Rwanda f'Jannar 2009<br>u susegwentenent sostitwit bħala kmandant tas-CNDP f'Kivu tat-Tramuntana. | Qabel kien Ġeneral tal-RCD-G.<br>Ngħaqad ma' elementi oħra tar-rinnegat ta' dak li qabel kien l-RCD-G biex jieħdu l-belt ta' Bukavu bil-forza fl-4 ta' Mejju. Irċieva armamenti barra l-FARDC bi ksur tal-embargo fuq l-armi.<br>Fundatur, National Congress for the People's Defense, 2006; Uffiċjal Anzjan, Rally for Congolese Democracy-Goma (RCD-G), 1998 - 2006; Uffiċjal Rwandan Patriotic Front (RPF), 1992-1998.<br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għal 264 każ ta' reklutaġġ u użu tat-tfal minn truppi taħt il-kmand tiegħu f'Kivu tat-Tramuntana mill-2002 sal-2009.<br>Minn Novembru 2009, minkejja li ġie arrestat fir-Rwanda f'Jannar 2009 u li tneħħa minn President tas-CNDP, għad għandu xi kontroll fuq is-CNDP u n-netwerk internazzjonali tiegħu. | 1.11.2005 |
| Felicien NSANZUBUKI-RE | Fred Irakeza | 1967<br>Murama, Kinyinya, Rubungo, Kigali, ir-Rwanda | | Skont bosta sorsi, Felicien Nsanzubukire huwa l-ewwel kmandant tal-battaljun tal-FDLR, u huwa bbażat fiż-żona Uvira-Sange ta' Kivu tan-Nofsinhar.<br>Felicien Nsanzubukire ilu membru tal-FDLR mill-inqas mill-1994 u jopera fil-Lvant tar-RDK minn Ottubru 1998.<br>Il-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU RDK jirrapporta li Felicien Nsanzubukire ssorvelja u kkoordina t-traffikar ta' munizzjon u armamenti bejn mill-inqas Novembru 2008 u April 2009 mir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, permezz ta' Lake Tanganyika, lejn unitajiet tal-FDLR ibbażati fiż-żoni Uvira u Fizi ta' Kivu tan-Nofsinhar. | 1.12.2010 |
| Pacifique NTAWUNGUKA | Colonel Omega<br>Nzeri<br>Israel<br>Pacifique Ntawungula | 1 ta' Jannar 1964, Gaseke, Provinċja ta' Gisenyi, ir-Rwanda Est. 1964 | Rwandi<br>Grad: Kurunell<br>Post Attwali: Peti, il-fruntiera bejn Walikale u Masisis, RDK.<br>Oħrajn: Irċieva taħriġ militari fl-Eġittu | Kmandant tal-Ewwel Diviżjoni tal-FOCA (fergħa armata tal-FDLR). Mexxej militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li jimpedixxi d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u s-sistemazzjoni mill-ġdid ta' kumbattenti, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Skont evidenza miġbura mill-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet RDK tal-KSNU, imniżżla fid-dettall fir-rapport tiegħu tat-13 ta' Frar 2008, bniet irkuprati mill-FDLR-FOCA kienu qabel ġew maħtufin u abbużati sesswalment. Minn nofs l-2007, l-FDLR-FOCA, li qabel kienet tirrekluta subien lejn in-nofs jew aktar tal-età bejn it-tlettax u d-dsatax-il sena, qed tirrekluta bil-forza żgħażagħ mill-età ta' 10 snin. L-iżgħar fosthom imbagħad jintużaw bħala skorti, u t-tfal akbar fl-età jiġu skjerati bħala suldati fuq il-linja ta' quddiem, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP4 (d) u (e) tal-Kunsill tas-Sigurtà. | 3.3.2009 |

| Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid/ post tat-twelid | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| James NYAKUNI | | | Ugandaniż | Sħab fil-kummerċ ma' Commandant Jerome, b'mod partikolari f'kuntrabandu fil-fruntiera bejn ir-RDK u l-Uganda, inkluż kuntrabandu suspettat ta' armamenti u materjal militari fi trakkijiet li ma jiġux iċċekkjati. Ksur tal-embargo fuq l-armi u għoti ta' għajnuna lil-gruppi armati u l-milizzja msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni1493 (2003), inkluż appoġġ finanzjarju li jippermettilhom joperaw b'mod militari. | 1.11.2005 |
| Stanislas NZEYIMANA | Deogratias Bigaruka Izabayo<br>Bigaruka<br>Bigurura<br>Izabayo Deo<br>Jules Mateso Mlamba | 1 ta' Jannar 1966, Mugusa (Butare), ir-Rwanda<br>Est. 1967<br>Alt. 28 ta' Awwissu 1966 | Rwandi<br>Minn Novembru 2009, rikonoxxut bħala l-Maġġur Ġenerali Stanislas Nzeyimana, Deputat Kmandant tal-FDLR<br>Post attwali: Kalonge, Masisi, Kivu tat-Tramuntana, RDK jew Kibua, RDK.<br>Vjaġġar frekwenti lejn Kigoma | Deputat Kmandant tal-FOCA (fergħa armata tal-FDLR). Mexxej militari ta' grupp armat barrani li jopera fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li jimpedixxi d-diżarm u r-ripatrijazzjoni volontarja u s-sistemazzjoni mill-ġdid ta' kumbattenti, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP 4 (b) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Skont evidenza miġbura mill-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet RDK tal-KSNU, imniżżla fid-dettall fir-rapport tiegħu tat-13 ta' Frar 2008, bniet irkuprati mill-FDLR-FOCA kienu qabel ġew maħtufin u abbużati sesswalment. Minn nofs l-2007, l-FDLR-FOCA, li qabel kienet tirrekluta subien lejn in-nofs jew aktar tal-età bejn it-tlettax u d-dsatax-il sena, qed tirrekluta bil-forza żgħażagħ mill-età ta' 10 snin. L-iżgħar fosthom imbagħad jintużaw bħala skorti, u t-tfal akbar fl-età jiġu skjerati bħala suldati fuq il-linja ta' quddiem, bi ksur tar-Riżoluzzjoni 1857 (2008) OP4 (d) u (e) tal-Kunsill tas-Sigurtà. | 3.3.2009 |
| Dieudonné OZIA MAZIO | Ozia Mazio | 6 ta' Ġunju 1949, Ariwara | Kongoliż<br>Magħruf bħala:<br>"Omari"<br>"Mr Omari"<br>Miet f'Ariwara fit-23 Settembru 2008. | President tal-FEC fit-territorju ta' Aru. Skemi finanzjarji ma' Commandant Jerome u l-FAPC u traffikar fil-fruntiera bejn ir-RDK u l-Uganda, li ppermetta li provvisti u flus kontanti isiru disponibbli għall-Kmandant Jerome u t-truppi tiegħu. Ksur tal-embargo fuq l-armi, inkluż bl-għoti ta' għajnuna lill-gruppi armati u l-milizzja msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003). | 1.11.2005 |
| Bosco TAGANDA | Bosco Ntaganda<br>Bosco Ntagenda<br>General Taganda | | Kongoliż<br>Magħruf bħala:<br>"Terminator"<br>"Major"<br>Minn Novembru 2009, kap de facto tas-CNDP wara l-arrest tal-Ġeneral Laurent Nkunda f'Jannar 2009. Qabel kien Kap tal-Persunal tas-CNDP. Ibbażat f'Bunagana u Rutshuru. | Kmandant militari tal-UPC/L, jeżerċita influwenza fuq il-politika u għandu kmand u kontroll fuq l-attivitajiet tal-UPC/L, wieħed mill-gruppi armati u milizzji msemmija fil-paragrafu 20 tar-Riżoluzzjoni 1493 (2003), involut fit-traffikar tal-armi, bi ksur tal-embargo fuq l-armi. Huwa kien maħtur Ġeneral fil-FARDC f'Diċembru 2004 imma rrifjuta li jaċċetta l-promozzjoni, u għalhekk baqa' barra l-FARDC.<br>Skont l-Uffiċċju tal-SRSG għat-Tfal u l-Konflitt Armat, huwa kien responsabbli għar-reklutaġġ u l-użu tat-tfal f'Ituri fl-2002 u l-2003, u kellu responsabbiltà diretta u/jew ta' kmand f'155 każ ta' reklutaġġ u użu tat-tfal f'Kivu tat-Tramuntana mill-2002 sal-2009.<br>Bħala Kap tal-Persunal tas-CNDP, kellu responsabbiltà diretta u ta' kmand għall-massakru f'Kiwanja (Novembru 2008) | 1.11.2005 |

| Isem | Psewdonimu | Data tat-twelid/ post tat-twelid | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mill-ħatra tiegħu bħala l-kap militari de facto tas-CNDP f'Jannar 2009, ingħata struzzjonijiet biex jamministra l-integrazzjoni fil-FARDC u ngħata l-kariga ta' deputat kmandant operattiv għal Kimia II għalkemm dan huwa uffiċjalment miċħud mill-FARDC | | |
| Innocent ZIMURINDA | | 1 ta' Settembru, 1972<br><br>1975<br><br>Ngungu, Territorju Masisi, Provinċja ta' Kivu tat-Tramuntana, RDK | Lt. Col.<br><br>Skont rappurtar minn sorsi miftuħa u rappurtar uffiċjali, Lt Col Innocent Zimurinda kien uffiċjal fil-Congrès National pour la Défense du Peuple (CNDP) li ġie integrat fil-Forces Armées de la République Démocratique du Congo (FARDC) kmien fl-2009 | Skont bosta sorsi, Lt Col Innocent Zimurinda, fil-kapaċità tiegħu bħala wieħed mill-kmandanti tal-231 Brigata tal-FARDC, ta ordnijiet li rriżultaw fil-massakru ta' aktar minn 100 refġjat Rwandi, il-biċċa l-kbira nisa u tfal, waqt operazzjoni militari fiż-żona Shalio f'April 2009.<br><br>Il-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU RDK irrapporta li xhieda kienu raw b'għajnejhom stess lil Lt Col Innocent Zimurinda jirrifjuta li jeħles lil tlitt itfal mill-kmand tiegħu f'Kahlehe, fid-29 ta' Awwissu, 2009.<br><br>Skont bosta sorsi, qabel l-integrazzjoni tas-CNDP fil-FARDC, Lt Col Innocent Zimurinda, f'Novembru 2008 pparteċipa f'operazzjoni tas-CNDP li rriżultat fil-massakru ta' 89 pajżan, inklużi nisa u tfal, fir-reġjun ta' Kiwanja.<br><br>F'Marzu 2010, 51 grupp għad-drittijiet tal-bniedem li kienu qed jaħdmu fil-Lvant tar-RDK daħħlu lment onlajn fejn qalu li Lt Col Innocent Zimurinda kien responsabbli għal bosta abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem li kienu jinvolvu l-omiċidju ta' numru kbir ta' pajżana, inklużi nisa u tfal, bejn Frar 2007 u Awwissu 2007. Fl-istess ilment, Lt Col Innocent Zimurinda ġie akkużat ukoll li kien responsabbli għall-istupru ta' għadd kbir ta' nisa u bniet.<br><br>Skont dikjarazzjoni tal-21 ta' Mejju, 2010, mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali għat-Tfal u l-Konflitt Armat, Innocent Zimurinda kien involut fl-eżekuzzjoni arbitrarja ta' suldati tfal, inkluż waqt l-operazzjoni Kimia II.<br><br>Skont l-istess dikjarazzjoni, huwa ċaħad l-aċċess lill-Missjoni tan-NU fir-RDK (MONUC) biex jiċċekkjaw it-truppi għal minorenni. Skont il-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU RDK, Lt Col Zimurinda għandu responsabbiltà diretta u ta' kmand għar-reklutaġġ ta' tfal u għaż-żamma ta' tfal fi truppi taħt il-kmand tiegħu. | 1.12.2010 |

b) Lista ta' entitajiet imsemmija fl-Artikoli 3, 4, u 5

| Isem | Psewdonimu | Indirizz | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| BUTEMBO AIRLINES (BAL) | | Butembo, RDK | Kumpannija tal-ajru privata, topera minn Butembo.<br><br>Minn Diċembru 2008, il-BAL ma għadx għandha liċenzja biex topera inġenji tal-ajru fir-RDK. | Kisoni Kambale (miet fil-5 ta' Lulju 2007 u sussegwentement tneħħa mil-lista fl-24 ta' April 2008) uża l-kumpannija tal-ajru tiegħu biex jittrasporta deheb, razzjonijiet u armi tal-FNI bejn Mongwalu u Butembo. Dan jikkostitwixxi "l-għoti ta' għajnuna" lil gruppi armati illegali bi ksur tal-embargo fuq l-armi tar-Riżoluzzjonijiet 1493 (2003) u 1596 (2005). | 29.3.2007 |
| CONGOCOM TRADING HOUSE | | Butembo, RDK<br><br>Tel: +253 (0) 99 983 784 | Kumpannija tan-negozju fid-deheb f'Butembo. | CONGOCOM kienet proprjetà ta' Kisoni Kambale (miet fil-5 ta' Lulju 2007 u sussegwentement tneħħa mil-lista fl-24 ta' April 2008).<br><br>Kambale kiseb kważi l-produzzjoni kollha tad-deheb fid-distrett ta' Mongbwalu, li huwa kkontrollat mill-FNI. L-FNI jikseb dħul sostanzjali mit-taxxi imposti fuq din il-produzzjoni. Dan jikkostitwixxi "l-għoti ta' għajnuna" lil gruppi armati illegali bi ksur tal-embargo fuq l-armi tar-Riżoluzzjonijiet 1493 (2003) u 1596 (2005). | 29.3.2007 |
| COMPAGNIE AERIENNE DES GRANDS LACS (CAGL)<br><br>GREAT LAKES BUSINESS COMPANY (GLBC) | | CAGL Avenue Président Mobutu Goma, RDK (CAGL għandha wkoll uffiċċju f'Gisenyi, ir-Rwanda)<br><br>GLBC, PO Box 315, Goma, RDK (GLBC għandha wkoll uffiċċju f'Gisenyi, ir-Rwanda) | Minn Diċembru 2008, GLBC ma kienx baqagħlha inġenji tal-ajru operattivi, għalkemm diversi inġenji tal-ajru komplew itiru fl-2008 minkejja sanzjonijiet tan-NU. | CAGL u GLBC huma kumpanniji li huma l-proprjetà ta' Douglas MPAMO, individwu li huwa diġà soġġett għal sanzjonijiet skont ir-Riżoluzzjoni 1596 (2005). CAGL u GLBC intużaw għat-trasport ta' armi u munizzjon bi ksur tal-embargo fuq l-armi tar-Riżoluzzjonijiet 1493 (2003) u 1596 (2005). | 29.3.2007 |
| MACHANGA LTD | | Kampala, Uganda | Kumpannija tal-esportazzjoni tad-deheb f'Kampala (Diretturi: Is-Sur Rajendra Kumar Vaya u s-Sur Hirendra M. Vaya). | MACHANGA xtrat id-deheb permezz ta' relazzjoni kummerċjali regolari ma' kummerċjanti fir-RDK li kienu konnessi mill-qrib mal-milizzji. Dan jikkostitwixxi "l-għoti ta' għajnuna" lil gruppi armati illegali bi ksur tal-embargo fuq l-armi tar-Riżoluzzjonijiet 1493 (2003) u 1596 (2005). | 29.3.2007 |
| TOUS POUR LA PAIX ET LE DEVELOPPEMENT (NGO) | TPD | Goma, Kivu tat-Tramuntana | Minn Diċembru 2008, TPD kienet għadha teżisti u kellha uffiċċji f'diversi bliet fit-territorji Masisi u Rutshuru, iżda l-attivitajiet tagħha kienu kważi waqfu. | Implikata fil-ksur tal-embargo fuq l-armi, billi pprovdiet għajnuna lill-RCD-G, b'mod partikolari billi forniet trakkijiet għat-trasport tal-armi u t-truppi, kif ukoll billi ttrasportat armamenti għad-distribuzzjoni lil partijiet mill-popolazzjoni f'Masisi u Rutshuru, Kivu tat-Tramuntana, fil-bidu tal-2005. | 1.11.2005 |

| Isem | Psewdonimu | Indirizz | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| UGANDA COMMERCIAL IMPEX (UCI) LTD | | Kajoka Street, Kisemente Kampala, Uganda<br><br>Tel.: +256 41 533 578/9;<br><br>Indirizz alternattiv: PO Box 22709 Kampala, Uganda | Kumpannija tal-esportazzjoni tad-deheb f'Kampala. (Diretturi is-Sur. J.V. LODHIA – magħruf bħala "Chuni"- u ibnu s-Sur Kunal LODHIA). | UCI xtrat id-deheb permezz ta' relazzjoni kummerċjali regolari ma' kummerċjanti fir-RDK li kienu konnessi mill-qrib mal-milizzji. Dan jikkostitwixxi "l-għoti ta' għajnuna" lil gruppi armati illegali bi ksur tal-embargo fuq l-armi tar-riżoluzzjonijiet 1493 (2003) u 1596 (2005). | 29.3.2007 |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-17 ta’ Novembru 2010

## Għajnuna mill-Istat C 1/10 — Il-Belġju dwar Għajnuna maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta mat-tneħħija u l-qerda tal-annimali mejta fl-impriżi agrikoli li jinsabu fir-Reġjun tal-Vallonja

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7263)*

**(Il-testi bil-Franċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)**

(2010/789/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 108(2)(a) tiegħu [1],

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu [2],

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli msemmija [3],

Billi:

### I. PROĊEDURA

(1) Wara lment li tressaq fit-23 ta’ April 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ inkjesta rigward l-għajnuna mill-Istat, li allegatament ta l-Belġju u li kienet maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta mat-tneħħija u l-qerda ta’ bhejjem mejta fl-impriżi agrikoli li jinsabu fir-Reġjun tal-Vallonja.

(2) Fit-2 ta’ Lulju 2007, il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-awtoritajiet Belġjani, u talbithom informazzjoni dwar il-miżura inkwistjoni. L-awtoritajiet Belġjani pprovdew tagħrif permezz ta’ ittra datata s-27 ta’ Lulju 2007, irreġistrata fit-3 ta’ Awwissu 2007. Saret laqgħa teknika fil-21 ta’ Awwissu 2007 fuq talba tal-awtoritajiet Belġjani kompetenti. Wara l-laqgħa, fl-4 ta’ Ottubru 2007, dawn tal-aħħar ipprovdew tagħrif addizzjonali rigward il-każ inkwistjoni.

(3) Permezz ta’ ittra tal-10 ta’ Settembru 2007, is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lill-Belġju li l-iskema ta’ għajnuniet ġiet irreġistrata bħala għajnuna mhux innotifikata bin-numru NN 56/2007, minħabba li evidentament, parti mill-fondi kienet diġà tħallset.

(4) Saret laqgħa teknika oħra fit-12 ta’ Ottubru 2007 fuq talba tal-awtoritajiet Belġjani kompetenti.

(5) Permezz tal-ittra tal-25 ta’ Ottubru 2007, is-servizzi tal-Kummissjoni stiednu lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu aktar informazzjoni. Fin-nuqqas ta’ tweġiba fiż-żmien stabbilit, fil-21 ta’ Diċembru 2007, huma bagħtu nota ta’ tfakkir lill-awtoritajiet Belġjani flimkien ma’ data tal-għeluq ġdida biex iwieġbu.

(6) Fl-4 ta’ Ġunju 2008, wara li ma ħadu l-ebda tweġiba għall-ewwel nota ta’ tfakkir fiż-żmien stabbilit, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu ittra oħra ta’ tfakkir li fiha ġibdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet Belġjani rigward il-fatt li f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mad-data tal-għeluq il-ġdida għat-tweġiba, iffissata għal erba’ ġimgħat, il-Kummissjoni setgħet toħroġ ingunzjoni sabiex l-awtoritajiet Belġjani jipprovdu din l-informazzjoni skont l-Artikolu 10(2) u (3), tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta’ Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [4]. Dan il-perjodu skada fl-4 ta’ Lulju 2008. Għalhekk, fl-1 ta’ Ottubru 2008, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni li tordna lill-awtoritajiet Belġjani sabiex jipprovdu l-informazzjoni mitluba. F’din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Belġjani biex jipprovdu, fost oħrajn, id-dokumenti ta’ informazzjoni rilevanti previsti mir-Regolament (KE) Nru 794/2004 tal-Kummissjoni tal-21 ta’ April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat [5] għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-għajnuniet mogħtija wara l-31 ta’ Jannar 2007.

(7) L-awtoritajiet Belġjani finalment wieġbu permezz tal-ittra tas-27 ta’ Novembru 2008 u bagħtu aktar tagħrif fil-5 ta’ Diċembru 2008. Madankollu, baqgħu ma pprovdewx id-dokumenti ta’ informazzjoni mitluba fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta’ Ottubru 2008.

(8) Fis-27 ta’ Jannar 2009, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Belġjani jibagħtu aktar informazzjoni. L-awtoritajiet Belġjani wieġbu għal din it-talba permezz ta’ ittra tas-16 ta’ Marzu 2009, irreġistrata fid-19 ta’ Marzu 2009.

[1] B’effett mill-1 ta’ Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fiż-żewġ każijiet, id-dispożizzjonijiet huma, fis-sustanza tagħhom identiċi. Għall-finijiet ta’ din id-deċiżjoni, fejn hu xieraq, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE.

[2] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

[3] ĠU C 191, 15.7.2010, p. 12.

[4] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

[5] ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

(9) Permezz ta' ittra tal-14 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni infurmat lill-Belġju bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fir-rigward tal-għajnuna nnotifikata. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-15 ta' Lulju 2010. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni. L-ebda parti terza ma ressqet kummenti.

(10) Permezz tal-ittra tad-19 ta' Frar 2010, l-awtoritajiet Belġjani talbu estensjoni ta' xahar ieħor għat-tweġiba mal-iskadenza stabbilita mill-ittra tal-Kummissjoni tad-14 ta' Jannar 2010. Permezz tal-ittra tal-5 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni qablet li r-risposta supplimentari tingħata xahar wara. Finalment, f'ittra datata t-12 ta' Marzu 2010, l-awtoritajiet Belġjani wieġbu għad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura.

## II. **KUNTEST**

### II.1. **Deċiżjoni tal-Kummissjoni – Fajl Nru NN 48/2003**

(11) Matul l-inkjesta tal-Kummissjoni, deher biċ-ċar li l-ilment kien relatat mal-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuniet approvata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2003 fil-fajl tal-għajnuna mill-Istat Nru NN 48/2003 (ex. N. 157/2003) intitolat "Il-ġestjoni tat-tneħħija u l-qerda tal-karkassi tal-bhejjem iġġenerati fl-irziezet tar-Reġjun tal-Vallonja". Dan il-fajl kien jirrigwarda skema nnotifikata mill-awtoritajiet Belġjani, li permezz tagħha l-Istat Belġjan kien qed jagħti lill-irziezet, permezz ta' servizzi ssussidjati, għajnuna li tkopri l-ispejjeż kollha marbuta mat-tneħħija, il-ħażna, l-ipproċessar u l-qerda tal-bhejjem mejta.

(12) Għall-finijiet tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' approvazzjoni u minħabba d-dħul imminenti fis-seħħ tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet statali marbuta mat-testijiet għat-TSEs, fuq il-bhejjem mejta u l-iskart tal-biċċeriji ("il-Linji gwida dwar it-TSEs") [1] fl-1 ta' Jannar 2004, l-awtoritajiet Belġjani impenjaw irwieħhom sabiex jemendaw l-iskema inkwistjoni. Dawn l-emendi kienu meħtieġa sabiex jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-Linji gwida dwar it-TSEs, u b'mod aktar speċifiku l-punt 29 tagħhom. Skont dan il-punt, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna statali sa 100 % tal-ispejjeż tat-tneħħija tal-bhejjem mejta u sa 75 % tal-ispejjeż tal-qerda ta' dawn il-karkassi. L-iskema Belġjana, kif ġiet innotifikata, ma kinitx konformi ma' din id-dispożizzjoni, minħabba li kienet tipprovdi li l-għajnuna tista' tkopri 100 % tal-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi.

(13) Wara dawn il-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-premessi (11) u (12), l-awtoritajiet Belġjani impenjaw irwieħhom (ara l-premessi (33) u (34) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni rigward il-fajl nru NN 48/2003) sabiex b'hekk jibdlu l-iskema ta' għajnuna tagħhom b'tali mod li mill-1 ta' Jannar 2004, l-għajnuniet previsti sabiex ikopru l-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi jkunu jirrappreżentaw biss sa massimu ta' 75 % tan-nefqa subita, minflok 100 %. L-awtoritajiet Belġjani kienu wkoll impenjaw irwieħhom li, sa mhux aktar tard minn nofs Diċembru 2003, jibagħtu lill-Kummissjoni l-provi li juru li l-bidliet meħtieġa kienu ddaħħlu fl-iskema ta' għajnuniet.

(14) Fuq il-bażi ta' dawn l-impenji, il-Kummissjoni approvat din l-imsemmija skema għal perjodu ta' ħames snin mill-31 ta' Jannar 2002. Dan il-perjodu skada fil-31 ta' Jannar 2007.

### II.2 **Ilment**

(15) Fit-23 ta' April 2007, il-Kummissjoni rċeviet ilment li fih ġie allegat li l-awtoritajiet Belġjani kienu qegħdin jiksru l-Linji gwida dwar it-TSEs billi komplew jagħtu għajnuna sa 100 % kemm għat-tneħħija tal-bhejjem mejta kif ukoll għall-qerda tal-karkassi.

## III. **DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MIŻURA**

(16) L-iskema ta' għajnuniet inkwistjoni tirrigwarda miżura reġjonali li tkopri l-ispejjeż kollha tas-servizzi relatati mat-tneħħija, it-trasport, il-ħżin, l-ipproċessar u l-qerda tal-annimali mejta fl-irziezet li jinsabu fir-Reġjun tal-Vallonja.

(17) L-organizzazzjoni u l-ġestjoni tat-tneħħija tal-karkassi f'dawn l-irziezet saru billi l-awtoritajiet reġjonali taw kuntratt ta' akkwist pubbliku tas-servizzi. Wara sejħa ġenerali għall-offerti varata fuq livell tal-Unjoni Ewropea permezz ta' avviż ta' akkwist ta' servizz pubbliku [2], dan il-kuntratt ingħata lill-kumpanija SA. RENDAC-UDES fil-31 ta' Jannar 2002. Il-kuntratt inkwistjoni kien maqsum fi tliet partijiet separati li kienu jikkorrispondu għas-servizzi differenti li l-kumpanija kellha toffri:

— il-ġbir tal-karkassi tal-bhejjem mejta fl-irziezet u t-trasport tagħhom lejn unità tal-ipproċessar, safejn ikun possibbli permezz ta' ċentru ta' ġbir jew faċilità ta' ħażna intermedja,

— l-ipproċessar tal-karkassi tal-bhejjem, meqjusin kollha bħala materjal ta' riskju speċifikat, u t-trasport tal-iskart iġġenerat mill-ipproċessar lejn l-inċineraturi, u

— il-qerda sħiħa tal-iskart iġġenerat minn dan it-trattament fil-faċilitajiet ad hoc.

[1] ĠU C 324, 24.12.2002, p. 2.

[2] ĠU S 156, 16.8.2001.

(18) Il-kumpanija S.A. RENDAC-UDES kienet l-unika waħda li tefgħet offerta għal din is-sejħa u dan, għat-tliet partijiet kollha. Għalhekk il-kuntratt ingħata lil din il-kumpanija fil-31 ta' Jannar 2002 għal perjodu ta' 5 snin. Skont l-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Belġjani, il-validità tal-kuntratt ġiet estiża mill-inqas erba' darbiet: sal-31 ta' Diċembru 2007, sal-31 ta' Diċembru 2008, sat-30 ta' Ġunju 2009 u fl-aħħar nett sal-implimentazzjoni futura tal-kuntratt pubbliku l-ġdid, li skont l-awtoritajiet Belġjani, għandu jkun operattiv għat-tielet kwart tal-2010.

(19) L-iskema ta' għajnuniet inkwistjoni tipprovdi l-għoti ta' għajnuna lill-bdiewa. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li, minkejja li din qiegħda tingħata b'mod dirett lill-kumpanija S.A. RENDAC-UDEC bħala fornitur ta' servizz, għall-ispejjeż tas-servizzi pprovduti lill-bdiewa, l-għajnuna kienet qiegħda tmur kollha lura għand il-bdiewa sabiex ikopru l-ispejjeż kollha marbuta mal-operazzjonijiet differenti ta' ġbir, trasport, ħżin, ipproċessar u qerda li kienu jkunu fir-responsabbiltà tagħhom li kieku ma kienx hemm l-iskema ta' għajnuniet. L-awtoritajiet Belġjani żguraw ukoll li l-ammonti mħallsa direttament lill-kumpanija S.A. RENDAC-UDES għas-servizzi pprovduti lill-bdiewa kienu jikkorrispondu kompletament u unikament għall-prezzijiet tas-suq tas-servizzi mwettqa.

(20) L-Uffiċċju dwar l-iskart tal-Vallonja, fi ħdan il-Ministeru Reġjonali tal-Ambjent, kien imqabbad sabiex iħallas l-irċevuti maħruġa mill-SA RENDAC-UDES, parti fuq bażi ta' rata fissa u parti fuq il-bażi ta' skedi ta' prezzijiet.

(21) Bħala parti mir-reviżjoni tal-fajl nru NN 48/2003, l-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li l-iskema tirrigwarda biss il-bhejjem mejta fl-irziezet tar-Reġjun tal-Vallonja. Din ma tapplikax għall-karkassi tal-bhejjem mejta fis-swieq tal-bhejjem jew fil-biċċeriji.

## IV. DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI TAT-13 TA' JANNAR 2010

(22) Fid-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Jannar 2010 li tibda l-proċess ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha rigward il-kompatibilità tal-iskema ta' għajnuniet mar-regoli dwar l-għajnuniet mill-Istat tal-Unjoni Ewropea. Speċifikament, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri tal-iskema ta' għajnuniet inkwistjoni li tkopri aktar minn 75 % tal-ispejjeż tal-qerda tal-karkassi, jistgħu jitqiesu li mhumiex kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Linji gwida dwar it-TSEs u tal-Linji Gwida 2007-2013 tal-Komunità rigward l-għajnuniet mill-Istat fis-settur tal-agrikultura u l-forestrija 2007–2013 ("il-Linji Gwida 2007-2013") [1].

(23) Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-Kummissjoni approvat l-iskema ta' għajnuniet sal-31 ta' Jannar 2007 fuq il-bażi tal-impenji tal-awtoritajiet Belġjani, li kellhom jibdlu l-iskema sabiex jirrispettaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-Linji gwida dwar it-TSEs mill-1 ta' Jannar 2004, u billi dawn l-impenji ma ġewx imħarsa minn dawn l-awtoritajiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna mogħtija bil-għan li jkunu koperti aktar minn 75 % tal-ispejjeż tal-qerda tal-karkassi ingħatat b'mod abbużiv.

(24) Għalhekk, skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 u b'rabta mal-Artikolu 16 tal-istess Regolament li jirrigwarda l-applikazzjoni ħażina tal-għajnuniet, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura formali ta' investigazzjoni u stiednet lill-Belġju sabiex iressaq il-kummenti tiegħu.

## V. KUMMENTI TAL-BELĠJU

(25) Fit-tweġiba tiegħu tat-12 ta' Marzu 2010, il-Belġju informa lill-Kummissjoni li kien sejjer jieħu l-passi meħtieġa sabiex jimplimenta kuntratt ġdid ta' servizz pubbliku. Skont l-awtoritajiet Belġjani, l-ispeċifikazzjonijiet speċjali li jirregolaw il-kuntratt futur ta' servizz pubbliku, kellhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2010 u l-kuntratt kellu jibda jopera sat-tielet kwart tal-2010. Sadanittant, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw li l-kuntratt ta' servizz pubbliku li ġie implimentat fil-31 ta' Jannar 2002 ġie estiż mill-emenda għall-istess kundizzjonijiet li kienu jipprevalu meta ngħata fil-31 ta' Jannar 2002.

(26) Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw li (i) ir-Reġjun tal-Vallonja sejjer jitlob l-applikazzjoni tal-prinċipju *de minimis* sabiex jirregolarizza s-sitwazzjoni tal-bdiewa għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2004 u t-30 ta' Ġunju 2008, u (ii) li fi żmien massimu ta' tliet xhur huwa kien sejjer jirkupra mingħand kull bidwi l-ammont korrispondenti għal 25 % tal-ispejjeż ta' pproċessar u qerda tal-bhejjem mejta, ikkalkulat għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2008, sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt ta' akkwist pubbliku li jmiss.

(27) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Belġjani infurmaw lill-Kummissjoni li huma kienu sejrin jitolbu l-irkupru tal-ammonti tal-għajnuniet *de minimis* fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2004 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna *de minimis* fis-setturi tal-agrikoltura [2] li jaqbżu l-ammont ta' EUR 3 000 fuq perjodu ta' tliet snin. L-awtoritajiet Belġjani indikaw ukoll li l-ammont massimu ammissibbli ta' EUR 3 000 kien inqabeż minn 58 bidwi.

## VI. EVALWAZZJONI TAL-MIŻURA

### VI.1 L-eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE

(28) Fit-termini tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

---

[1] ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

[2] ĠU L 325, 28.10.2004, p. 4.

(29) Dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfati f'dan il-każ minħabba li l-għajnuna tiffavorixxi lill-bdiewa. L-għajnuna inkwistjoni qiegħda tingħata mill-korpi pubbliċi tar-Reġjun tal-Vallonja u tagħti vantaġġ lill-bdiewa tar-Reġjun tal-Vallonja billi telimina l-ispejjeż marbuta mat-tneħħija u l-qerda tal-karkassi li kieku kienu jġarrbu f'ċirkostanzi normali.

(30) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-fatt biss li l-kompetittività ta' kumpanija tissaħħaħ meta mqabbla ma' kumpaniji kompetituri billi tingħata vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tirċievi fit-twettiq ordinarju tal-attività tagħha jindika li hemm riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni ([1]).

(31) L-għajnuna lil xi kumpanija titqies li tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri meta din il-kumpanija topera f'suq miftuħ għall-kummerċ fl-Unjoni Ewropea ([2]). Fis-settur ikkonċernat jeżisti kummerċ sostanzjali fl-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-miżura tista' tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(32) Fid-dawl ta' dak li ntqal, huwa ovvju li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1), tat-TFUE ġew issodisfati, għajr għall-għajnuniet li huma fl-ambitu tal-liġi *de minimis*.

VI.1.1 *Il-liġi de minimis*

(33) F'diversi okkażjonijiet, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw li huma kienu sejrin japplikaw ir-regoli *de minimis* applikabbli fis-settur tal-agrikultura. Ir-regoli applikabbli matul il-perjodu tal-għoti tal-għajnuna huma r-Regolament (KE) Nru 1860/2004 u r-Regolament (KE) Nru 1535/2007 tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna *de minimis* fis-setturi tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli ([3]), li rrevoka r-Regolament (KE) Nru 1860/2004.

(34) L-għajnuniet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 jew tar-Regolament (KE) Nru 1535/2007 jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji kollha tal- Artikolu 107(1) tat-TFUE.

(35) Madankollu għandu jingħad, li skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KE) Nru 1535/2007, l-għajnuniet *de minimis* ma jistgħux jiġu akkumulati ma' għajnuniet mill-Istat għall-istess spejjeż eliġibbli jekk tali kumulu jirriżulta f'intensità ta' għajnuna li tisboq dik iffissata fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ mir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ preżenti, tapplika din id-dispożizzjoni: ma jista' jkun hemm l-ebda kumulu tal-għajnuna *de minimis* (li tirrappreżenta 25 % tal-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi li għandhom jitħallsu mill-bdiewa) mal-75 % li jifdal, li, skont ir-regolamentazzjoni tal-Unjoni Ewropea (il-punt 133 tal-Linji Gwida 2007-2013 flimkien mal-Artikolu 16(1)(d), tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ([4]) jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c), tat-TFUE.

(36) Għall-kuntrarju, taħt l-iskema stabbilita mir-Regolament Nru 1860/2004, jidher li tali kumulu ma kienx eskluż-bejn l-għajnuna *de minimis* u l-ammonti li jirrappreżentaw 75 % tal-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi. Dan jista' jiġi dedott mill-premessa 7 tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004, li tgħid "*Ir-regola de minimis hi mingħajr preġudizzju għall-posssibiltà li l-impriżi jirċievu, ukoll għall-istess proġett, l-għajnuna tal-Istat awtorizzata mill-Kummissjoni jew koperta permezz ta' Regolament dwar eżenzjoni tal-grupp*".Il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-regolament u b'mod partikolari l-livell massimu ta' għajnuna ta' EUR 3 000 għandhom jiġu rispettati, b'mod li kwalunkwe għajnuna li taqbeż il-limitu ta' EUR 3 000 ma tkunx tista' tibbenefika mir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 u dan għall-ammont sħiħ tal-għajnuna. Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 1535/2007, dan il-kumulu huwa possibbli sa sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2008. Wara din id-data japplikaw ir-regoli tar-Regolament (KE) Nru 1535/2007.

VI.2 **Legalità tal-għajnuna**

(37) L-iskema tal-għajnuna, approvata mill-Kummissjoni taħt in-numru tal-fajl NN 48/2003, ġiet innotifikata u approvata għall-perjodu bejn il-31 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Jannar 2007. Il-Kummissjoni tinnota madankollu li l-Belġju kompla japplika l-iskema ta' għajnuna wara l-1 ta' Frar 2007 mingħajr ma għarraf lill-Kummissjoni dwar dan skont l-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Għaldaqstant, l-iskema tal-għajnuniet saret għajnuna illegali mill-Istat wara l-1 ta' Frar 2007.

VI.3 **Kompatibbiltà tal-għajnuna**

(38) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, l-għajnuniet maħsuba sabiex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq intern basta ma jfixklux il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa livell li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980 fil-każ C-730/79, *Philip Morris Holland BV vs Commission des Communautés européennes*, Rec. 1980, p. 2671.

([2]) Ara s-sentenza tal-Qorti tat-13 ta' Lulju 1988 fil-kawża Nru C-102/87, *Ir-Repubblika ta' Franza vs. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, Rec. 1988, p. 4067.

([3]) ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35

([4]) ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3.

(39) L-iskema inkwistjoni tirrigwarda l-għoti ta' għajnuna, fil-forma ta' servizzi ssussidjati, li tkopri l-ispejjeż kollha tas-servizzi marbuta mat-tneħħija, it-trasport, l-ipproċessar u l-qerda ta' bhejjem mejta fl-irziezet li jinsabu fir-Reġjun tal-Vallonja.

(40) F'dak li jirrigwarda l-perjodu bejn il-31 ta' Jannar 2002 u l-31 ta' Diċembru 2003, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni taħt in-numru tal-fajl Nru NN 48/2003 stabbilixxiet li l-iskema setgħet tibbenefika mid-deroga msemmija fl-Artikolu 107(3)(c), tat-TFUE. Madankollu, kif ġie spjegat qabel, għall-perjodu ta' wara l-1 ta' Jannar 2004, l-awtoritajiet Belġjani kienu wegħdu li jibdlu l-iskema nnotifikata ta' għajnuniet mill-Istat sabiex jagħmluha konformi mal-Linji gwida dwar it-TSEs kif kienu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2004. L-awtoritajiet Belġjani kellhom jagħmlu mod li l-għajnuna ma tkoprix aktar minn 75 % tal-ispejjeż tal-qerda tal-karkassi (l-ispejjeż li jifdal jitħallsu mill-bidwi nnifsu) u li jibagħtu lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn nofs Diċembru 2003, il-provi li l-bidliet meħtieġa fl-iskema tal-għajnuna kienu saru.

(41) Dan ir-rekwiżit kien impost mil-Linji gwida dwar it-TSEs, li f'dak iż-żmien kienu l-liġi applikabbli. Fil-punt 29, il-Linji gwida dwar it-TSEs kienu jgħidu dan li ġej:

"29. *Mill-1 ta' Jannar 2004, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat sa 100 % tal-ispejjeż tat-tneħħija ta' annimali mejtin li jkunu jeħtieġu jinqerdu, u sa 75 % tal-ispejjeż tal-qerda ta' dawn il-karkassi; […]* " [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

(42) Il-punti 30 u 31 tal-Linji gwida TSE kienu jipprevedu eċċezzjonijiet għar-regola li l-għajnuna setgħet tkopri biss l-ispejjeż tal-qerda tal-bhejjem mejta sa 75 %:

"30. *Inkella, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat sa 100 % tal-ispejjeż tat-tneħħija u qerda ta' karkassi meta l-għajnuna tkun iffinanzjata permezz ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-finanzjament tal-qerda ta' dawn il-karkassi, sakemm dawk it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet ikunu limitati għas-settur tal-laħam u direttament imposti fuqu.* [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

31. *L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat sa 100 % tal-ispejjeż tat-tneħħija ta' bhejjem mejtin meta jeżisti obbligu li jsiru testijiet għat-TSEs fuq dawn il-bhejjem.* " [Traduzzjoni mhux uffiċjali]

(43) Ta' min jinnota li, fil-kuntest tar-reviżjoni tal-fajl nru NN 48/2003, l-awtoritajiet Belġjani qatt ma argumentaw li tista' tapplika xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet.

(44) Il-Linji gwida dwar it-TSEs ġew revokati fl-1 ta' Jannar 2007, kif kien previst fil-punt 194 c) tal-Linji Gwida 2007-2013. Skont il-punt 134 tal-Linji Gwida 2007-2013, il-Kummissjoni tiddikjara l-għajnuniet mill-Istat li jirrigwardaw it-testijiet għat-TSEs u l-bhejjem mejtin kompatibbli mal-Artikolu 108(3)(c) tat-TFUE jekk il-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 ikunu ssodisfati.

(45) L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 ma jibdilx is-sustanza f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-għajnuna mogħtija għat-tneħħija u l-qerda tal-bhejjem mejta. Kif kien il-każ fil-Linji gwida dwar it-TSEs, ir-Regolament jistabbilixxi fl-Artikolu 16(1)(d) tiegħu, li l-għajnuna li tista' tilħaq il-100 % tal-ispejjeż marbuta mat-tneħħija tal-bhejjem mejta u 75 % tal-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi titqies kompatibbli mas-suq intern. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(1)(e) u (f), jinkludu min-naħa tagħhom il-possibbiltà ta' deroga mil-limitu ta' 75 % biex tintlaħaq rata ta' għajnuna ta' 100 % fil-każijiet li ġejjin: i) meta l-għajnuna tkun iffinanzjata minn ħlasijiet jew kontribuzzjonijiet obbligatorji, maħsuba għall-finanzjament tal-qerda ta' tali karkassi, sakemm dawn il-ħlasijiet jew kontribuzzjonijiet ikunu limitati u direttament imposti fuq is-settur tal-laħam; jew ii) meta jkun obbligatorju li l-bhejjem mejta jiġu soġġetti għal test għat-TSEs.

(46) Minħabba li r-regolamentazzjoni l-ġdida (linji gwida 2007-2013 u r-Regolament (KE) Nru 1857/2006 ma bidlitx is-sustanza tas-sitwazzjoni meta mqabbla mar-regolamentazzjoni l-qadima (il-Linji gwida dwar it-TSEs), l-evalwazzjoni tal-fajl f'dak li jirrigwarda r-regoli applikabbli tal-Unjoni Ewropea għandha tkun l-istess għall-perjodu kollu kkonċernat (jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2004 sal-lum).

(47) Kif innutat qabel, l-awtoritajiet Belġjani kienu ntrabtu, bħala parti mir-reviżjoni tal-fajl nru NN 48/2003, li jibdlu l-iskema ta' għajnuniet tagħhom b'mod li l-għajnuna prevista li tkopri l-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi ma taqbiżx il-75 % ta' dawn l-ispejjeż mill-1 ta' Jannar 2004. Madankollu, matul ir-reviżjoni tal-każ, l-awtoritajiet Belġjani ma kkontestawx li l-iskema ta' għajnuniet mill-Istat ma nbidlitx kif kienu ntrabtu li jagħmlu.

(48) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Belġjani argumentaw diversi drabi fil-kuntest ta' dan il-każ preżenti (pereżempju, f'ittra datata s-27 ta' Novembru 2008) li t-tieni eċċezzjoni msemmija fil-premessa 42 tista' fir-realtà tapplika u li l-għajnuna tista' tkopri sa 100 % tal-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-karkassi. Fil-fehma tagħhom, l-eċċezzjoni hija ġġustifikata mill-fatt li kien hemm l-obbligu li jsiru testijiet għat-TSEs fuq il-bhejjem mejta kollha (il-punt 31 tal-Linji gwida dwar it-TSEs u l-Artikolu 16(1)(f), tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Madankollu, ma ntbagħtet l-ebda prova li tappoġġa din id-dikjarazzjoni.

(49) L-argument ewlieni ppreżentat mill-Belġju bħala sostenn għad-dikjarazzjoni tiegħu huwa li l-pajjiż huwa obbligat li jwettaq dawn it-testijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]). Madankollu dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. Fil-fatt, b'applikazzjoni ta' dan l-imsemmi Regolament, l-awtoritajiet tal-Vallonja għandhom l-obbligu li jwettqu testijiet għat-TSEs fuq il-bhejjem mejta kif ġej:

— bejn l-1 ta' Lulju 2001 u l-31 ta' Diċembru 2008, fuq l-ifrat kollha ta' aktar minn 24 xahar li jkunu mietu fir-razzett, u

— mill-1 ta' Jannar 2009, fuq il-bhejjem kollha tal-ifrat ta' aktar minn 48 xahar li jkunu mietu fir-razzett. Stat Membru jista' madankollu jiddeċiedi li jkompli jagħmel dawn it-testijiet fuq frat iżgħar, ta' bejn l-24 u t-48 xahar.

(50) Għalhekk, l-obbligu li jsiru testijiet japplika biss għall-bhejjem ta' età speċifika (24 xahar għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2001 u l-31 ta' Diċembru 2008 u 48 xahar wara din id-data). Aktar importanti minn hekk, dan l-obbligu japplika biss għall-ifrat. Il-bhejjem ta' speċijiet oħrajn li jkunu mietu fir-razzett (ħnieżer, żwiemel, tjur, eċċ.) m'għandhomx għalfejn ikunu soġġetti għal testijiet għat-TSEs. Jirriżulta mill-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Belġjani (ittra datata s-27 ta' Novembru 2008) li l-għadd ta' karkassi li setgħu eventwalment ikunu kkonċernati minn din l-eżenzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) nru 999/2001 jirrappreżenta inqas minn 20-25 % tal-ispejjeż totali li ntefqu f'dak li jikkonċerna l-bhejjem li jinsabu mejta ttrattati fl-ambitu tal-kuntratt tas-servizzi. Għalhekk, l-għajnuniet relattivi għall-ispejjeż huma strettament marbuta mal-obbligu li jsiru t-testijiet għat-TSEs biss kif previst mir-Regolament Nru 999/2001 jistgħu jitqiesu kompatibbli, sakemm ikun possibbli li dawn l-ispejjeż jiġu identifikati b'mod ċar.

(51) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-ewwel eċċezzjoni li tippermetti li l-ispejjeż tat-tneħħija u ta' qerda tal-karkassi jkunu koperti 100 % permezz ta' taxxi u kontribuzzjonijiet obbligatorji fis-settur tal-laħam mhijiex applikabbli f'dan il-każ. L-awtoritajiet Belġjani qatt ma invokaw l-applikabbiltà ta' din l-eċċezzjoni u lanqas ipprovdew xi element f'dan ir-rigward.

(52) Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri tal-iskema ta' għajnuniet inkwistjoni maħsuba sabiex ikopru aktar minn 75 % tal-ispejjeż tal-qerda tal-karkassi m'humiex kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Linji gwida dwar it-TSEs jew tal-Linji gwida 2007-2013, għajr l-ispejjeż li huma direttament marbuta mat-trattament tal-karkassi tal-bhejjem li għalihom hemm l-obbligu tat-testijiet għat-TSEs.

(53) Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-Kummissjoni approvat l-iskema ta' għajnuniet sal-31 ta' Jannar 2007 fuq il-bażi tal-impenji tal-awtoritajiet Belġjani, li kellhom jibdlu l-iskema sabiex jirrispettaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Linji gwida dwar it-TSEs mill-1 ta' Jannar 2004, u minħabba li dawn l-impenji ma ġewx imħarsa minn dawn l-awtoritajiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna mogħtija għall-miżuri maħsuba sabiex ikopru aktar minn 75 % tal-ispejjeż tal-qerda tal-karkassi ngħatat b'mod abbużiv, mill-inqas f'dak li jirrigwarda l-għajnuna li m'hijiex maħsuba sabiex tikkumpensa l-obbligu li jsiru testijiet għat-TSEs.

(54) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, meta għajnuna mill-Istat mogħtija b'mod illegali ma tkunx kompatibbli mas-suq intern, din għandha tiġi rkuprata mingħand il-benefiċjarji. L-għan jintlaħaq meta l-għajnuna inkwistjoni, flimkien mal-imgħax għad-dewmien jekk ikun il-każ, jitħallsu lura mill-benefiċjarji, jiġifieri mill-kumpaniji li jkunu effettivament ibbenefikaw minnha.

(55) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda l-miżuri ta' għajnuna investigati u għandha tiġi implimentata minnufih, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-irkupru tal-għajnuniet individwali kollha mogħtija taħt din l-iskema ta' għajnuna, minbarra dawk mogħtija għal proġetti speċifiċi li, meta ngħataw dawn l-għajnuniet, kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament *de minimis* jew ta' eżenzjoni applikabbli fid-dawl tal-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali [mill-Istat] orizzontali ([2]), jew taħt xi skema ta' għajnuniet approvata mill-Kummissjoni.

## VII. **KONKLUŻJONIJIET**

(56) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Belġju implimenta b'mod illegali l-għajnuna inkwistjoni bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Minħabba li parti mill-għajnuna m'hijiex kompatibbli mas-suq intern, il-Belġju għandu jwaqqafha u għandu jirkupra l-ammonti diġà mogħtija b'mod illegali mingħand il-benefiċjarji.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Parti mill-iskema ta' għajnuniet mill-Istat implimentati mill-Belġju favur il-bdiewa tar-reġjun tal-Vallonja, li hi maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-trobbija u l-qerda ta' karkassi ta' bhejjem mejta fl-imrpiżi agrikoli li jinsabu fir-Reġjun tal-Vallonja m'hijiex kompatibbli mas-suq intern.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

([2]) ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.

2. Il-parti tal-għajnuna mmirata strettament sabiex tkopri l-obbligu li għandhom il-bdiewa li jwettqu testijiet għat-TSEs biss skont ir-Regolament Nru 999/2001 hija kompatibbli mas-suq intern, sakemm ikun possibbli li dawn l-ispejjeż jiġu identifikati b'mod ċar.

*Artikolu 2*

Il-Belġju għandu jabolixxi l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

L-ammonti mogħtija, taħt l-iskema ta' għajnuniet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma jitqiesux bħala għajnuna fis-sens tat-Trattat jekk, meta ngħataw, dawn kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet definiti fir-Regolament adottat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 994/98 u applikabbli f'dak iż-żmien.

*Artikolu 4*

L-għajnuniet individwali mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni li, meta ngħataw, kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet definiti f'Regolament adottat skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 994/98 jew taħt kwalunkwe skema ohra ta' għajnuniet approvata huma kompatibbli mas-suq intern sal-intensità massima użata għal dan it-tip ta' għajnuniet.

*Artikolu 5*

1. Soġġett għall-Artikolu 1(2), l-Artikolu 3 u 4, il-Belġju għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jirkupra, mingħand il-benefiċjarji, l-għajnuna li m'hijiex kompatibbli msemmija fl-Artikolu 1 u li diġà tpoġġiet għad-dispożizzjoni tagħhom b'mod illegali.

2. L-irkupru għandu jsir minnufih skont il-proċeduri previsti mil-liġi nazzjonali, sakemm dawn jippermettu l-implimentazzjoni immedjata u effettiva ta' din id-Deċiżjoni. L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandha tinkludi imgħaxijiet li jkunu kkalkulati mid-data li fiha saru disponibbli għall-benefiċjarji, sad-data tal-irkupru tagħha. L-imgħaxijiet għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tar-rata ta' referenza użata għall-kalkolu tal-għotja ekwivalenti fil-kuntest tal-għajnuniet reġjonali.

*Artikolu 6*

Ir-Renju tal-Belġju għandu jgħarraf lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-passi li jkun ħa sabiex jikkonforma ruħu magħha.

Il-Belġju għandu jżomm lill-Kummissjoni infurmata rigward il-progress tal-miżuri nazzjonali li jittieħdu sabiex jimplimenta din id-Deċiżjoni sal-irkupru sħiħ tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1. Dan għandu jibgħat minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni kull informazzjoni dwar il-miżuri li ttieħdu u dawk previsti sabiex jikkonforma ma' din id-Deċiżjoni, kif ukoll informazzjoni dettaljata rigward l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħaxijiet irkuprati diġà mingħand il-benefiċjarji.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Dacian CIOLOȘ

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-15 ta’ Diċembru 2010

## dwar l-adattament tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta’ Awwissu 2009, l-1 ta’ Settembru 2009, l-1 ta’ Ottubru 2009, l-1 ta’ Novembru 2009, l-1 ta’ Diċembru 2009 u l-1 ta’ Jannar 2010 għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jwettqu dmirijiethom f’pajjiżi terzi

(2010/790/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 336,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u s-sistema applikabbli għal impjegati oħrajn ta’ dawn il-Komunitajiet, stabbiliti mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), u b’mod partikolari 13(2), tal-Anness X tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Anness X tar-Regolamenti dwar il-Persunal, il-koeffiċjenti korrettivi li għandhom jiġu applikati mill-1 ta’ Lulju 2009 għar-remunerazzjoni ta’ uffiċjali, persunal temporanju u persunal kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea li jaqdu dmirijiethom f’pajjiżi terzi u li jitħallas fil-munita tal-pajjiż tal-impjieg, ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 768/2010 ([2]).

(2) Jeħtieġ li wħud minn dawn il-koeffiċjenti jiġu adattati f’konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 13 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, b’effett mill-1 ta’ Awwissu 2009, l-1 ta’ Settembru 2009, l-1 ta’ Ottubru 2009, l-1 ta’ Novembru 2009, l-1 ta’ Diċembru 2009 u l-1 ta’ Jannar 2010, fid-dawl li minn statistika li għandha l-Kummissjoni ħareġ fid-dieher li f’ċerti pajjiżi terzi l-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja mkejla skont il-koeffiċjent korrettiv u r-rata tal-kambju korrispondenti qabżet il-5 % minn meta dawn il-koeffiċjenti korrettivi ġew aġġustati l-aħħar,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b’kuntratt tal-Unjoni Ewropea li jwettqu dmirijiethom f’pajjiżi terzi, u li huma mħallsin fil-munita tal-pajjiż tal-impjieg, għandhom jiġu aġġustati għal ċerti pajjiżi indikati fl-Anness. Dan l-Anness jinkludi sitt tabelli mensili li jindikaw il-pajjiżi kkonċernati kif ukoll id-dati suċċessivi għall-applikazzjoni f’kull pajjiż (l-1 ta’ Awwissu 2009, l-1 ta’ Settembru 2009, l-1 ta’ Ottubru 2009, l-1 ta’ Novembru 2009, l-1 ta’ Diċembru 2009 u l-1 ta’ Jannar 2010).

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta’ dawn ir-remunerazzjonijiet huma stabbiliti f’konformità mar-regoli implimenatattivi ddettaljati tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-dati differenti indikati fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta’ Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Catherine ASHTON
*Viċi-President*

---

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 228, 31.8.2010, p. 1.

*ANNESS*

## AWWISSU 2009

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Awwissu 2009 | Rati ta' kambju Awwissu 2009 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Awwissu 2009 (**) |
|---|---|---|---|
| L-Eritrea (1) | 11,28 | 21,6903 | 52,0 |
| Il-Ġeorġja | 1,919 | 2,3805 | 80,6 |
| Il-Gana (2) | 1,009 | 2,0935 | 48,2 |
| L-Indoneżja (Ġakarta) (3) | 10 091 | 13 989,6 | 72,1 |
| L-Indoneżja (Banda Aceh) (4) | 7 989 | 13 989,6 | 57,1 |
| Il-Liberja (2) | USD 1,265 | USD 1,4053 | 90,0 |
| Il-Moldova | 9,558 | 15,9211 | 60,0 |
| Il-Montenegro | 0,6456 | 1 | 64,6 |
| Is-Serbja (Belgrad) (2) | 65,28 | 93,045 | 70,2 |
| Is-Sudan (Kartum) (5) | 1,93 | 3,55881 | 54,2 |

(*) 1 EURO = **x** unitajiet ta' munita nazzjonali (USD għall-: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste).
(**) Brussell = 100.
(1) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Awwissu, Ottubru u Diċembru.
(2) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Awwissu u Diċembru.
(3) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Awwissu 2009 u Jannar 2010.
(4) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Awwissu u Novembru.
(5) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Awwissu, Settembru u Diċembru.

## SETTEMBRU 2009

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Settembru 2009 | Rati tal-kambju Settembru 2009 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Settembru 2009 (**) |
|---|---|---|---|
| L-Eġittu (2) | 3,272 | 7,9632 | 41,1 |
| Il-Gambja (3) | 24,07 | 38,05 | 63,3 |
| Il-Ginea (Konakry) | 4 456 | 6 793,48 | 65,6 |
| Il-Kazakistan (Astana) (2) | 154,2 | 215,54 | 71,5 |
| Sjerra Leone | 3 745 | 5 088,7 | 73,6 |
| Is-Sudan (Kartum) (1) | 2,035 | 3,63297 | 56,0 |
| Timor Leste (4) | USD 1,008 | USD 1,4364 | 70,2 |
| Il-Venezwela (5) | 2,94 | 3,08826 | 95,2 |

(*) 1 EURO = **x** unitajiet ta' munita nazzjonali (USD għall-: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste).
(**) Brussell = 100.
(1) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Awwissu, Settembru u Diċembru.
(2) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Settembru u Novembru.
(3) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Settembru u Diċembru.
(4) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Settembru 2009 u Jannar 2010.
(5) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Settembru u Novembru 2009 u Jannar 2010.

**OTTUBRU 2009**

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Ottubru 2009 | Rati tal-kambju Ottubru 2009 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Ottubru 2009 (**) |
|---|---|---|---|
| L-Albanija | 89,99 | 134,994 | 66,7 |
| Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ([2]) | 39,56 | 61,4321 | 64,4 |
| L-Awstralja ([2]) | 1,693 | 1,669 | 101,4 |
| Il-Kambodja | 4 435 | 6 186,5 | 71,7 |
| Il-Kroazja | 6,345 | 7,2708 | 87,3 |
| L-Eritrea ([1]) | 12,34 | 22,4703 | 54,9 |
| Il-Ginea Bissaw | 644,7 | 655,957 | 98,3 |
| Il-Mali | 593,6 | 655,957 | 90,5 |
| Il-Kaledonja Ġdida | 141,4 | 119,332 | 118,5 |
| L-Uganda | 1 965 | 2 839,77 | 69,2 |
| Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Kinxasa) ([3]) | USD 1,663 | USD 1,45490 | 114,3 |
| Is-Sri Lanka ([2]) | 107,3 | 169,169 | 63,4 |
| It-Taġikistan | 3,715 | 6,3745 | 58,3 |
| It-Tanzanija | 1 287 | 1 894,85 | 67,9 |
| It-Tajlandja | 28,36 | 48,906 | 58,0 |
| It-Turkija ([3]) | 1,742 | 2,168 | 80,4 |
| L-Ukraina | 7,579 | 11,746 | 64,5 |
| Iż-Żambja ([3]) | 3 830 | 6 820,88 | 56,2 |

(*) 1 EURO = ***x*** unitajiet ta’ munita nazzjonali (USD għall-: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste).
(**) Brussell = 100.
([1]) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Awwissu, Ottubru u Diċembru.
([2]) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Ottubru 2009 u Jannar 2010.
([3]) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Ottubru u Diċembru.

**NOVEMBRU 2009**

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Novembru 2009 | Rati tal-kambju Novembru 2009 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Novembru 2009 (**) |
|---|---|---|---|
| L-Alġerija | 74,7 | 107,642 | 69,4 |
| L-Eġittu ([2]) | 3,544 | 8,26565 | 42,9 |
| L-Indoneżja (Banda Aceh) ([1]) | 8 536 | 14 188,1 | 60,2 |
| L-Iżrael | 5,351 | 5,5483 | 96,4 |
| Il-Kazakistan (Almaty) | 172 | 226,55 | 75,9 |

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Novembru 2009 | Rati tal-kambju Novembru 2009 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Novembru 2009 (**) |
|---|---|---|---|
| Il-Kazakistan (Astana) ([2]) | 162,9 | 226,55 | 71,9 |
| Il-Kirgiżistan | 48,82 | 64,4757 | 75,7 |
| Il-Laos ([4]) | 9 584 | 12 734 | 75,3 |
| Il-Libanu | 1 638 | 2 229,29 | 73,5 |
| In-Nepal ([4]) | 79,66 | 111,64 | 71,4 |
| Ir-Russja | 40,41 | 43,1957 | 93,6 |
| Iċ-Ċad | 751,4 | 655,957 | 114,6 |
| Il-Venezwela ([3]) | 3,172 | 3,17543 | 99,9 |

(*) 1 EURO = ***x*** unitajiet ta' munita nazzjonali (USD għall-: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste).
(**) Brussell = 100.
([1]) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Awwissu u Novembru.
([2]) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Settembru u Novembru.
([3]) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Settembru u Novembru 2009 u Jannar 2010.
([4]) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Novembru 2009 u Jannar 2010.

## DIĊEMBRU 2009

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Diċembru 2009 | Rati tal-kambju Diċembru 2009 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Diċembru 2009 (**) |
|---|---|---|---|
| L-Arabja Sawdija | 4,174 | 5,5885 | 74,7 |
| Il-Kongo (Brazzaville) | 725 | 655,957 | 110,5 |
| Kuba | USD 1,105 | USD 1,4918 | 74,1 |
| L-Eritrea ([1]) | 13,43 | 22,8273 | 58,8 |
| Il-Gambja ([4]) | 25,54 | 40,1 | 63,7 |
| Il-Gana ([2]) | 1,069 | 2,155 | 49,6 |
| Il-Gwatemala | 8,18 | 12,3745 | 66,1 |
| Ħaiti | 60,46 | 64,591 | 93,6 |
| Il-Gżejjer Solomon | 10,68 | 11,7695 | 90,7 |
| L-Indja | 38,84 | 69,5925 | 55,8 |
| Il-Liberja ([2]) | USD 1,38 | USD 1,4918 | 92,5 |
| Il-Madagaskar | 2 140 | 2 907,57 | 73,6 |
| Il-Malasja | 158,9 | 213,936 | 74,3 |
| Il-Malawi | 3,289 | 5,0587 | 65,0 |
| Il-Paragwaj | 4 341 | 7 186,56 | 60,4 |
| Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Kinxasa) ([5]) | USD 1,772 | USD 1,4918 | 118,8 |
| Is-Serbja (Belgrad) ([2]) | 69,83 | 94,412 | 74,0 |
| Is-Sudan (Kartum) ([3]) | 2,19 | 3,52542 | 62,1 |
| Is-Surinam | 1,92 | 4,18 | 45,9 |

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Diċembru 2009 | Rati tal-kambju Diċembru 2009 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Diċembru 2009 (**) |
|---|---|---|---|
| It-Turkija (5) | 1,831 | 2,283 | 80,2 |
| Il-Vjetnam | 12 873 | 29 495,2 | 43,6 |
| Iż-Żambja (5) | 4 038 | 6 974,14 | 57,9 |

(*) 1 EURO = ***x*** unitajiet ta' munita nazzjonali (USD għall-: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste).
(**) Brussell = 100.
(1) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Awwissu, Ottubru u Diċembru.
(2) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Awwissu u Diċembru.
(3) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Awwissu, Settembru u Diċembru.
(4) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Settembru u Diċembru.
(5) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Ottubru u Diċembru.

## JANNAR 2010

| Post tal-impjieg | Paritajiet ekonomiċi Jannar 2010 | Rati ta' kambju Jannar 2010 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Jannar 2010 (**) |
|---|---|---|---|
| Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (4) | 37,26 | 61,447 | 60,6 |
| L-Arġentina | 3,219 | 5,4559 | 59,0 |
| L-Awstralja (4) | 1,596 | 1,6036 | 99,5 |
| L-Etjopja | 14,33 | 18,2782 | 78,4 |
| L-Indoneżja (Ġakarta) (1) | 9 550 | 13 511,5 | 70,7 |
| L-Islanda | 144,5 | 180,96 | 79,9 |
| Il-Kosovo (Pristina) | 0,5854 | 1 | 58,5 |
| Il-Laos (5) | 8 875 | 12 174 | 72,9 |
| Il-Libja | 1,018 | 1,7683 | 57,6 |
| In-Nepal (5) | 74 | 107,83 | 68,6 |
| In-Niġer | 593,3 | 655,957 | 90,4 |
| Samoa | 2,891 | 3,61939 | 79,9 |
| Is-Sri Lanka (4) | 114,1 | 163,139 | 69,9 |
| Timor Leste (2) | USD 1,083 | USD 1,4338 | 75,5 |
| Il-Venezwela (3) | 3,357 | 3,0788 | 109,0 |

(*) 1 EURO = ***x*** unitajiet ta' munita nazzjonali (USD għall-: Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Liberja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Timor Leste).
(**) Brussell = 100.
(1) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Awwissu 2009 u Jannar 2010.
(2) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Settembru 2009 u Jannar 2010.
(3) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat tliet darbiet: għal Settembru u Novembru 2009 u Jannar 2010.
(4) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Ottubru 2009 u Jannar 2010.
(5) Il-koeffiċjent għal dan il-post hu adattat darbtejn: għal Novembru 2009 u Jannar 2010.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta’ Diċembru 2010

## li telenka l-prodotti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-punt III(1) tal-Anness XII għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007

**(tfassil mill-ġdid)**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8434)*

(2010/791/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment il-punt (b)(i) tal-Artikolu 121 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/566/KEE tat-28 ta’ Ottubru 1988 elenku tal-prodotti indikati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1898/87 ([2]) ġiet emendata b’mod sostanzjali ([3]). Ladarba jridu jsiru aktar emendi, għandha tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistabbilixxi l-prinċipju illi d-deskrizzjonijiet ħalib u prodotti tal-ħalib ma’ jistgħux jintużaw għall-prodotti tal-ħalib apparti dawk deskritti fil-punt II tal-Anness XII għalih. Bħala eċċezzjoni, dan il-prinċipju mhuwiex applikabbli fir-rigward tad-deskrizzjoni tal-prodotti li n-natura eżatta tagħhom hija magħrufa minħabba l-użu tradizzjonali u/jew meta d-denominazzjonijiet ikunu ċarament użati sabiex jiddeskrivu l-kwalità tal-karatteristiċi tal-prodott.

(3) L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-listi indikattivi tal-prodotti li huma jikkunsidraw li jissodisfaw, ġewwa t-territorji tagħhom, il-kriterji tal-eċċezzjoni msemmija hawn fuq. Ghandu jiġi ffurmat elenku ta’ dawn il-prodotti abbażi tal-listi indikattivi nnotifikati mill-Istati Membri. Dik il-lista għandha tintinkludi l-ismijiet tal-prodotti rilevanti skont l-użu tradizzjonali tagħhom fil-lingwi varji tal-Unjoni, sabiexkludi l-ismijiet tal-prodotti rilevanti skont l-użu tradizzjonali tagħhom fil-lingwi varji tal-Unjoni, sabiex dawk l-ismijiet ikunu jistgħu jintużaw mill-Istati Membri kollha, stante li jobdu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta’ liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu ma’ tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta’ oġġetti tal-ikel ([4]).

(4) Addizzjonijiet għal din il-lista jistgħu jsiru skont l-Artikolu 121(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(5) B’segwitu għall-adeżjonijiet fl-Unjoni Ewropea tal-2004 u l-2007, uħud mill-Istati Membri l-ġodda ssottomettew listi ta’ prodotti li huma jqisu li jissodisfaw, fi ħdan it-territorji tagħhom, il-kriterji għall-eċċezzjoni msemmija hawn fuq. Il-lista fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tiġi kkompletata billi jiġu inklużi l-ismijiet tal-prodotti mill-Istati Membri l-ġodda, fil-lingwi rilevanti, li jistgħu jibbenefikaw mill-eċċezzjoni.

(6) Il-miżuri pprovduti f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal- Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-prodotti korrispondenti, fit-territorju tal-Unjoni, fir-rigward tal-prodotti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-punt III(1) tal-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma elenkati fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 88/566/KEE hija rrevokata.

Referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Dacian CIOLOŞ

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 310, 16.11.1988, p. 32.
([3]) Ara l-Anness II.
([4]) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.

*ANNESS I*

**Elenku tal-prodotti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-punt III(1) tal-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007**

ES

Leche de almendras

DA

Kakaosmør

Mandelsmør

Jordnøddesmør

Kokosmælk

Flødeboller

»… fromage«

użata fid-deskrizzjoni deżerta bbażata fuq il-frott li ma jkunx fiha ħalib, jew prodotti oħra tal-ħalib jew ħalib jew imitazzjonijieti tal-prodotti tal-ħalib (pereżempju, citronfromage)

Smørtyve

Ostekiks

Osterejer

Flødetablet

Flødefodbolde

Flødemint

Flødekaramel

DE

Kokosmilch

Liebfrau(en)milch

Fischmilch

Milchner

Butterbirne

Rahmapfel

Butterbohne

Butterkohl

Butterpilz

Milchbrätling

Buttersalat

Erdnussbutter

Kakaobutter

Fleischkäse

Leberkäse

Käseklee

Butterhäuptel

Butterschnitzel

Faschiertes Butterschnitzel

Milchmargarine

Margarinestreichkäse

EL

Βούτυρο κακάου

Φρουτόκρεμα

Κρέμα αραβοσίτου

Κρέμα κάστανου

Νουκρέμα

EN

Coconut milk

“Cream …” jew “Milk …”

użati fid-deskrizzjoni ta’ xarba alkoħolika li ma jkunx fiha ħalib jew prodotti oħra tal-ħalib jew ħalib jew imitazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib (pereżempju, cream sherry, milk sherry)

Cream soda

Cream filled biscuits (pereżempju, custard cream, bourbon cream, raspberry cream biscuits, strawberry cream, eċċ.)

Cream filled sweets jew chocolates (pereżempju, peppermint cream, raspberry cream, crème egg)

Cream crackers

Salad cream

Creamed coconut u frott ieħor simili, prodotti tal-lewż u tal-ħaxix fejn it-terminu «creamed» jiddeskrivi l-forma karatterisitika tal-prodott

Cream of tartar

Cream jew creamed soups (pereżempju, cream of tomato soup, cream of celery, cream of chicken, eċċ.)

Horseradish cream

Ice-cream

Jelly cream

Table cream

Cocoa butter

Shea butter

Nut butters (pereżempju, peanut butter)

Butter beans

Butter puffs

Fruit cheese (pereżempju, lemon cheese, Damson cheese)

FR

Lait d'amande

Lait de coco

«Crème ...»

užata fid-deskrizzjoni ta' soppa li ma jkunx fiha ħalib jew prodotti oħra tal-ħalib jew ħalib jew imitazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib (pereżempju crème de volailles, crème de légumes, crème de tomates, crème d'asperges, crème de bolets, eċċ.)

«Crème ...»

użata fid-deskrizzjoni ta' xorb alkoħoliku li ma jkunx fih ħalib jew prodotti oħra tal-ħalib jew ħalib jew imitazzjoni tal-prodotti tal-ħalib (pereżempju crème de cassis, crème de framboise, crème de banane, crème de cacao, crème de menthe, eċċ.)

«Crème ...»

użata fid-deskrizzjoni tal-prodotti tal-laħam ippreparati (pereżempju, crème de foie de volaille, pâté crème, eċċ.)

Crème de maïs

Crème de riz

Crème d'avoine

Crème d'anchois

Crème d'écrevisses

Crème de pruneaux, crème de marron (krema ta' frott ieħor tal-għadma)

Crème confiseur

Beurre de cacao

Beurre de cacahouète

Fromage de tête

Haricot beurre

Beurré Hardy

IT

Latte di mandorla

Burro di cacao

Latte di cocco

Fagiolini al burro

HU

Vajretek

Gyümölcssajt (pereżempju, birsalmasajt)

Disznósajt vagy hússajt vagy fejsajt

Haltej

Kakaóvaj

Kókusztej

Mogyoróvaj

Vajbab

Vajkörte

NL

Pindakaas

Hoofdkaas

Cacaoboter

Leverkaas

Hamkaas

Tongkaas

Nierkaas

Kokosmelk

„... crème"

użata fid-deskrizzjoni ta' soppa li ma jkunx fiha ħalib jew prodotti oħra tal-ħalib jew ħalib jew imitazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib (pereżempju, groentencrème, tomatencrème, aspergecrème, eċċ.)

„... crème"

użata fid-deskrizzjoni ta' xarba alkoħolika li ma jkunx fihaħalib jew prodotti oħra tal-ħalib jew ħalib jew imitazzjonijiet tal-prodotti tal-ħalib (pereżempju cassiscrème, frambozencrème, cacaocrème, bananencrème, eċċ.)

Crèmevulling

Levercrème

Boterbonen

PL

Ser jabłeczny

PT

Leite de coco

Manteiga de cacau

Manteiga de amendoim

Queijo doce de Tomar

Queijinho de sal

SL

Mesni sir

SK

Arašidové maslo

Fazuľa maslová (maslovka)

Kakaové maslo

Kokosové mlieko

Masliak

Maslová hruška (maslovka)

Pečeňový syr

Vtáčie mlieko

| FI | SV |
|---|---|
| Kaakaovoi | Jordnötssmör |
| Maapähkinävoi | Kakaosmör |
| Voileipäkeksi | Smörsopp |
| Voitatti | Kokosmjölk |
| Voileipäkakku | Ostkex |
| | Margarinost |
| | Smördeg |

*ANNESS II*

**Id-Deċiżjoni rrevokata bl-emendi tagħha**

| | |
|---|---|
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/566/KEE | (ĠU L 310, 16.11.1988, p. 32) |
| Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/144/KE | (ĠU L 42, 14.2.1998, p. 61) |

*ANNESS III*

**Tabella Ta' Korrelazzjoni**

| Id-Deċiżjon 88/566/KEE | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| — | Artikolu 2 |
| Artikolu 2 | Artikolu 3 |
| Anness | Anness I |
| — | Anness II |
| — | Anness III |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' Diċembru 2010

## li testendi l-perjodu tranżitorju li jikkonċerna l-akkwist ta' art agrikola fl-Ungerija

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/792/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, u b'mod partikolari l-punt 2 tal-Kapitolu 3 tal-Anness X għalih,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula mill-Ungerija,

Billi:

(1) L-Att tal-Adeżjoni tal-2003 jipprovdi li l-Ungerija għandha żżomm fis-seħħ, skont il-kundizzjonijiet stipulati fih, għal perjodu ta' seba' snin mill-adeżjoni li jiskadi fit-30 ta' April 2011, projbizzjonijiet dwar l-akkwist ta' art agrikola minn persuni fiżiċi li mhumiex residenti fl-Ungerija jew li mhumiex ta' nazzjonalità Ungeriża u minn persuni legali. Din hija eċċezzjoni temporanja għall-moviment ħieles tal-kapital kif iggarantit fl-Artikoli 63 sa 66 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan il-perjodu tranżitorju jista' jiġi estiż biss għal tliet snin oħra.

(2) Fl-10 ta' Settembru 2010, l-Ungerija talbet biex testendi l-perjodu tranżitorju li jikkonċerna l-akkwist ta' art agrikola bi tliet snin.

(3) Ir-raġuni ewlenija għall-perjodu tranżitorju kienet il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardati l-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi għall-attivitajiet agrikoli wara l-introduzzjoni tas-suq uniku u t-tranżizzjoni tal-Politika Agrikola Komuni fl-Ungerija. B'mod partikolari, l-għan tiegħu kien li jirreaġixxi għat-tħassib li tqajjem dwar l-impatt possibbli fuq is-settur agrikolu li kieku kellha tiġi liberalizzata l-art agrikola minħabba d-differenzi kbar inizjali fil-prezzijiet tal-art u d-dħul meta mqabbel mal-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit (minn issa 'l quddiem l-UE-15). L-għan tal-perjodu tranżitorju kien ukoll li jiffaċilita l-proċess tal-privatizzazzjoni u r-restituzzjoni tal-art agrikola lill-bdiewa, u l-Kummissjoni fir-Rapport tagħha tas-16 ta' Lulju 2008 dwar l-Analiżi tal-miżuri tranżitorji għall-akkwist tal-proprjetà agrikola stabbilita fit-Trattat tal-Adeżjoni tal-2003 (minn issa 'l quddiem "Analiżi fuq Perjodu" ta' Żmien Medju diġà enfasizzat l-importanza li titlesta din il-politika sal-aħħar tal-perjodu tranżitorju previst ([1]).

(4) Skont informazzjoni pprovduta mill-Ungerija jidher li minkejja l-fatt li hemm iktar konverġenza fil-prezzijiet tal-art fl-Ungerija, xorta waħda għadha tippersisti differenza ta' bejn 3 sa 20 darba inqas fil-medja tal-prezzijiet tal-art meta mqabbla ma' dawk li jiddominaw fl-UE-15 wara l-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni Ewoprea. Għalkemm il-konverġenza sħiħa fil-prezzijiet tal-art la hi mistennija u lanqas ma tidher li hi kundizzjoni neċessarja għat-terminazzjoni tal-perjodu tranżitorju, id-differenzi ċari fil-prezzijiet bejn l-Ungerija u l-UE-15 huma li huma minħabba li għadhom jistgħu jservu ta' ostaklu għall-progress bla xkiel lejn il-konverġenza tal-prezzijiet. Bl-istess mod, id-differenza bejn id-dħul tal-ħaddiema tas-settur agrikolu u l-bdiewa fl-Ungerija u d-dħul tal-UE-15 naqset imma għadha teżisti. Barra minn hekk, skont dejta maħruġa mill-Eurostat, is-settur agrikolu tal-Ungerija ħa majnata minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika riċenti madwar id-dinja tant li d-dħul mis-settur agrikolu għal kull ħaddiem naqas bl-ogħla rata fl-Unjoni (madwar 30 % meta mqabbel mar-rata medja tal-Unjoni ta' 12 %) fl-2009. Id-dħul baxx ħabat fl-istess żmien meta l-kundizzjonijiet tal-kreditu marru għall-agħar li huwa rilevanti għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE-15, fir-rigward tar-rati nominali tal-imgħax u tal-volum ta' kreditu disponibbli għall-bdiewa. Il-kriżi finanzjarja u ekonomika xekklet iż-żieda fil-preżenza mistennija ta' istituzzjonijiet finanzjarji ġodda fl-Ungerija mill-UE-15 wara l-adeżjoni tal-Ungerija.

(5) Għalkemm il-proċess ta' restituzzjoni mexa 'l quddiem matul il-perjodu tranżitorju, dan ltaqa' ma' diffikultajiet b'mod partikolari mill-2008 'l hawn, u b'hekk għadu ma tlestiex. L-istess xejra ġiet osservata fir-rigward tal-privatizzazzjoni ta' art agrikola. In-nuqqas ta' ċertezza taddrittijiet tal-proprjetà kif ukoll il-faċilitajiet ta' kreditu u assigurazzjoni li għadhom ma żviluppawx kif suppost għall-bdiewa jkompli jdgħajjef is-suq tal-artijiet agrikoli fl-Ungerija u għadu ta' xkiel għat-tħaddim xieraq tiegħu.

([1]) COM(2008) 461 finali, tas-16 ta' Lulju 2008.

(6) F'dan il-kuntest, jista' jiġi antiċipat, kif qed jagħmlu l-awtoritajiet Ungeriżi, li t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fl-1 ta' Mejju 2011 se tagħmel pressjoni fuq il-prezzijiet tal-art fl-Ungerija. Barra minn hekk, meta wieħed iqis l-għadd kbir ta' parteċipanti, l-istruttura frammentata żżejjed tas-sjieda tas-suq tal-art agrikola, li ma nbidlitx b'mod sinifikanti mill-adeżjoni 'l hawn, u l-predominanza tal-kiri tal-artijiet, l-impatt x'aktarx se jinħass fis-settur kollu. Għalhekk, teżisti theddida ta' disturbi serji fuq is-suq tal-art agrikola fl-Ungerija ladarba l-perjodu tranżitorju jiskadi.

(7) Għalhekk il-perjodu tranżitorju msemmi fil-punt 2 tal-Kapitolu 3 tal-Anness X għall-Att tal-Adeżjoni għandu jiġi estiż bi tliet snin.

(8) Sabiex is-suq jitħejja bis-sħiħ għal-liberalizzazzjoni, hu importanti ħafna, saħansitra fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi avversi li nibqgħu nsaħħu t-titjib ta' fatturi bħall-faċilitajiet ta' kreditu u ta' assigurazzjoni għall-bdiewa, u r-restituzzjoni u l-privatizzazzjoni tal-art agrikola matul il-perjodu tranżitorju, kif diġà ġie enfasizzat fl-Analiżi ta' nofs it-terminu.

(9) Iktar influss ta' kapital barrani fis-suq tal-artijiet agrikoli jippreżenta wkoll benefiċċji potenzjali għal dan is-suq fl-Ungerija. Kif ġie enfasizzat fl-Analiżi ta' nofs it-terminu, l-investiment barrani fis-settur agrikolu se jkollu wkoll effetti importanti fuq perjodu ta' żmien twil fuq l-għoti tal-kapital u l-għarfien, dwar il-funzjonament tas-swieq tas-suq u dwar il-produttività agrikola. Ir-reħi progressiv tar-restrizzjonijiet dwar is-sjieda barranija matul il-perjodu tranżitorju se jikkontribwixxi wkoll għat-tħejjija tas-suq biex dan jiġi liberalizzat għal kollox.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-perjodu tranżitorju li jikkonċerna l-akkwist tal-art agrikola fl-Ungerija msemmi fil-punt 2 tal-Kapitolu 3 tal-Anness X għall-Att ta' Adeżjoni tal-2003 għandu jiġi estiż sat-30 ta' April 2014.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' Diċembru 2010

## li temenda d-Deċiżjoni 2005/1/KE li tawtorizza metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali fir-Repubblika Ċeka fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' tali karkassi

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 9187)*

**(It-test biċ-Ċek biss huwa awtentiku)**

(2010/793/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS [Waħdieni]) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 43(m), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/1/KE ([2]), ġie awtorizzat l-użu ta' sitt metodi għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjali għar-Repubblika Ċeka.

(2) Fit-23 ta' Frar 2010, ir-Repubblika Ċeka talbet lill-Kummissjoni biex hi jkollha l-awtorizzazzjoni li tistipula preżentazzjoni ta' karkassi ta' majjali differenti mill-preżentazzjoni standard definita fl-ewwel paragrafu tal-punt B.III tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Skont it-tieni paragrafu tal-punt B.III tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati jistipulaw preżentazzjoni ta' karkassi tal-majjal differenti mill-preżentazzjoni standard definita fl-ewwel paragrafu ta' dak il-punt, meta l-prattika kummerċjali normali fit-territorju tagħhom tkun differenti mill-preżentazzjoni standard. Fit-talba tagħha, ir-Repubblika Ċeka speċifikat li fit-territorju tagħha hija l-prassi kummerċjali li l-karkassi jistgħu jiġu ppreżentati mingħajr ma titneħħa s-sonza [flare fat]. Din il-preżentazzjoni li hija differenti mill-preżentazzjoni standard għandha għalhekk tiġi awtorizzata fir-Repubblika Ċeka.

(4) Sabiex ikunu stabbiliti l-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjali fuq bażi komparabbli, din il-preżentazzjoni differenti għandha titqies billi f'dawn il-każijiet il-piż irreġistrat jiġi aġġustat b'relazzjoni għall-piż tal-preżentazzjoni standard.

(5) Id-Deċiżjoni 2005/1/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fid-Direttiva 2005/1/KE, jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"*Artikolu 1a*

Minkejja l-preżentazzjoni standard stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-punt B.III tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-karkassi tal-majjali fir-Repubblika Ċeka jistgħu jiġu ppreżentati bis-sonza, qabel ma jintiżnu u jiġu kklassifikati. Fil-każ ta' preżentazzjoni bħal din il-piż mal-qatla tal-karkassa [hot carcass weight] rreġistrat għandu jkun aġġustat skont il-formola li ġejja:

piż mal-qatla tal-karkassa = 1,65651 + 0,96139 × piż mal-qatla tal-karkassa bis-sonza."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Dacian CIOLOŞ

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 1, 4.1.2005, p. 8.

# LINJI GWIDA

## LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-13 ta' Diċembru 2010

## li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema

***(BĊE/2010/30)***

(2010/794/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 flimkien mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 18.2 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Biex tintlaħaq politika monetarja waħda tenħtieġ definizzjoni tal-istrumenti u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Eurosistema, li tikkonsisti fil-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa "l quddiem 'l-Istati Membri parteċipanti') u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), biex b'hekk din il-politika tkun tista" tiġi implimentata b'mod uniformi fl-Istati Membri parteċipanti kollha.

(2) Il-BĊE għandu l-awtorità li jistabbilixxi l-linji ta' gwida meħtieġa biex jimplimenta l-politika monetarja waħda tal-Eurosistema, u l-BĊNi għandhom l-obbligu li jaġixxu skont dawn il-linji ta' gwida.

(3) Il-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000 dwar politika monetarja u proceduri tal-Eurosistema [1], għandha tiġi emendata biex tirrifletti tibdil għall-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema, b'mod partikolari: (a) biex jiġu introdotti kriterji ta' eligibbiltà għall-użu proprju ta' bonds tal-bank koperti li ma jikkonformawx mal-UCITS ma' ipoteki kummerċjali bħala l-assi sottostanti; (b) biex jiżdiedu d-depożiti b'terminu fiss bħala garanzija eliġibbli għal operazzjonijiet tal-politika monetarja u l-kreditu intraday tal-Eurosistema; u (c) biex tiġi emendata l-Appendiċi 5 tal-Anness I biex tirrifletti l-fatt li l-Estonja ser tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2011 u li l-isem tal-Bank Ċentrali u l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji tal-Irlanda nbidel,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emendi għall-Anness I**

L-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 huwa emendat skont l-Anness ta' din il-Linja ta' Gwida.

*Artikolu 2*

**Verifika**

1. Il-BĊNi għandhom jgħaddu d-dettalji tat-testi u l-mezzi li permezz tagħhom huma għandhom il- ħsieb li jkunu konformi mal-paragrafi 1, 3 u 4 tal-Anness ta' din il-Linja ta' Gwida lill-BĊE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

2. Il-BĊNi għandhom jgħaddu lill-BĊE d-dettalji tat-testi u l-mezzi li permezz tagħhom huma għandhom il-ħsieb li jkunu konformi mal-paragrafu 2 tal-Anness ta' din il-Linja ta' Gwida, sa mhux aktar tard mit-8 ta' Jannar 2011.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

1. Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara l-adozzjoni tagħha.

2. Paragrafi 1, 3 u 4 tal-Anness ta' din il-Linja ta' Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011.

3. Paragrafu 2 tal-Anness ta' din il-Linja ta' Gwida għandu japplika mill-1 ta' Frar 2011.

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 268 sa 274.

*Artikolu 4*

**Indirizzati**

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi tal-Istati Membri parteċipanti.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-13 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS*

L-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima 6.2.2, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Tliet tipi ta' assi mhux negozjabbli huma eliġibbli bħala garanzija fil-qafas wieħed għall-assi eliġibbli: depożiti b'terminu fiss minn kontropartijiet eliġibbli, klejms ta' kreditu u strumenti ta' dejn appoġġati minn ipoteki bl-imnut mhux negozjabbli (RMBDs) (*).

(*) Bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2011, hemm sistema intermedja fis-seħħ għal klejms ta' kreditu, li tippermetti lil kull BĊE li jagħżel il-limitu minimu għad-daqs tal-klejms ta' kreditu eliġibbli għall-finijiet ta' garanzija, apparti mill-użu transkonfinali, u biex jiġi deċiż jekk għandux jiġi applikat ħlas għall-ipproċessar. Mill-1 ta' Jannar 2012, ser ikun hemm fis-seħħ sistema unifikata shiħa."

(2) It-Taqsima 6.2.3 tiġi emendata kif ġej:

(a) Is-seba' paragrafu (il-ħames paragrafu taħt l-intestatura "Regoli għall-użu ta' assi eliġibbli") jinbidel b'dan li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq li jikkonċernaw rabtiet mill-qrib ma japplikawx għal: (a) rabtiet mill-qrib bejn il-kontroparti u korp tas-settur pubbliku taż-ŻEE li jkollu d-dritt li jiġbor it-taxxi, jew fil-każ fejn strument ta' dejn huwa ggarantit minn korp tas-settur pubbliku taż-ŻEE li jkollu d-dritt li jiġbor it-taxxi; (b) bonds tal-bank koperti maħruġin skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva UCITS; jew (c) każijiet fejn l-istrumenti ta' dejn huma protetti minn salvagwardji legali speċifiċi paragunabbli ma' dawk l-istrumenti msemmija taħt (b) bħal fil-każ ta' (i) RMBDs mhux negozjabbli li mhumiex titoli; jew (ii) bonds tal-bank koperti strutturati appoġġati b'self tal-proprjetà immobbli residenzjali jew bonds tal-bank koperti strutturati appoġġati b'self ta' ipoteka kummerċjali, jiġifieri ċerti bonds tal-bank koperti mhux iddikjarati li jikkonformaw mal-UCITS mill-Kummissjoni Ewropea, li jissodisfaw il-kriterji kollha li japplikaw għal titoli appoġġati mill-assi, kif jidher fit-Taqsimiet 6.2 u 6.3 u l-kriterji addizzjonali li ġejjin (*):

Fil-każ ta' bonds tal-bank koperti strutturati appoġġati b'self tal-proprjetà immobbli residenzjali

— Kwalunkwe self ta' proprjetà immobbli residenzjali sottostanti l-bonds tal-bank koperti strutturati għandhom jiġu denominati f'euro; min jagħmel il-ħruġ (u d-debitur u l-garanti, jekk huma persuni legali) għandhom ikunu inkorporati fi Stat Membru, l-assi sottostanti tagħhom għandhom jinstabu fi Stat Membru, u l-liġi li tirregola s-self għandha tkun dik ta' Stat Membru.

— Self ta' proprjetà immobbli residenzjali huwa eliġibbli għall-pool ta' kopertura tal-bonds tal-bank koperti strutturati rilevanti, jekk huwa ggarantit minn garanzija eliġibbli jew salvagwardat b'ipoteka. Garanzija eliġibbli għandha tkun pagabbli f'24 siegħa mal-inadempjenza. Garanziji eliġibbli għall-finijiet ta' dan is-self garantit jistgħu jiġu pprovduti f'formati kuntrattwali differenti, inklużi kuntratti ta' assigurazzjoni, iżda dawn għandhom jingħataw minn entità pubblika jew istituzzjoni finanzjarja suġġetta għal superviżjoni pubblika. Il-garanti għall-finijiet ta' dan is-self garantit m'għandux ikollu rabtiet mill-qrib ma' min jagħmel il-ħruġ tal-bonds koperti, u għandu jkun ikklassifikat tal-inqas [A+/A1/AH] minn ECAI aċċettat matul il-ħajja tat-tranżazzjoni.

— Garanzija sostituta ta' kwalità għolja sa 10 % tal-pool ta' kopertura hija aċċettata. Dan il-limitu jista' jinqabeż biss wara analiżi fil-fond mill-BĊN rilevanti.

— Il-parti massima ta' kull self eliġibbli individwali li tista' tiġi ffinanzjata permezz ta' ħruġ ta' bond tal-bank kopert strutturat huwa ta' 80 % self-għall-valur (LTV). Il-kalkolu LTV għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni konservattiva tas-suq.

— Il-garanzija żejda minima obbligatorja hija ta' 8 %.

— L-ammont ta' self massimu għal self ta' proprjetà immobbli residenzjali huwa ta' EUR 1 miljun.

— Il-valutazzjoni tal-kreditu *stand-alone* tal-pool ta' kopertura għandha tikkorrispondi ma' livell PD annwali ta' 10 punti bażi skont il-limitu 'single A' (ara t-Taqsima 6.3.1).

— Limitu minimu fit-tul ta' 'single A' ('A-' skont Fitch jew Standard & Poor, jew 'A3' minn Moody, jew 'AL' minn DBRS) għandu jiġi applikat lil min jagħmel il-ħruġ u korpi relatati li huma parti minn jew rilevanti għat-tranżazzjoni dwar il-bond tal-bank kopert strutturat.

Fil-każ ta' bonds tal-bank koperti strutturati appoġġati b'self ta' ipoteka kummerċjali:

— Kwalunkwe self ta' ipoteka kummerċjali sottostanti l-bonds tal-bank koperti strutturati għandu jiġi ddenominat f'euro; min jagħmel il-ħruġ (u d-debitur u l-garanti, jekk huma persuni legali) għandu jkun inkorporat fi Stat Membru, l-assi sottostanti tiegħu għandhom jinstabu fi Stat Membru, u l-liġi li tirregola s-self għandha tkun dik ta' Stat Membru.

— Garanzija sostituta ta' kwalità għolja sa 10 % tal-pool ta' kopertura hija aċċettata. Dan il-limitu jista' jinqabeż biss wara analiżi fil-fond mill-BĊN rilevanti.

— Il-parti massima ta' kull self eliġibbli individwali li tista' tiġi ffinanzjata permezz ta' ħruġ ta' bond tal-bank kopert strutturat huwa ta' 60 % self-għall-valur LTV. Il-kalkolu LTV għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tas-suq konservattiva.

— Il-garanzija żejda minima hija ta' 10 %.

— Is-sehem ta' kull parti li tissellef fil-pool ta' kopertura, wara li jiġu aggregati l-ammonti ta' self individwali kollha pendenti minn xi ħadd li jissellef partikolari, m'għandux jaqbeż il-5 % tat-total tal-pool ta' kopertura.

— Il-valutazzjoni tal-kreditu *stand-alone* tal-pool ta' kopertura għandha tikkorrespondi mal-grad 1 tal-kwalità ta' kreditu skont l-iskala ta' klassifikazzjoni tal-Eurosistema (ara t-Taqsima 6.3.1).

— Il-grad 2 tal-kwalità tal-kreditu għandu jiġi applikat lil min jagħmel il-ħruġ u entitajiet relatati li huma parti minn jew rilevanti għat-tranżazzjoni marbuta mal-bond tal-bank kopert strutturat.

— Is-self ta' ipoteki kummerċjali sottostanti kollu għandu jiġi rivalutat tal-inqas fuq bażi annwali. Tnaqqis fil-prezzijiet ta' proprjetajiet għandhom jiġu riflessi għal kollox fir-rivalutazzjoni. Fil-każ ta' żidiet fil-prezzijiet, tiġi applikata *haircut* ta' 15 %. Self li ma jissodisfax ir-rekwiżit tal-limitu LTV għandu jiġi ssostitwit b'self ġdid, jew għandu jiġi ggarantit iż-żejjed, bla ħsara għall-approvazzjoni tal-BĊN rilevanti. Il-metodoloġija ta' valutazzjoni primarja li għandha tiġi applikata huwa l-valur tas-suq, jiġifieri, il-prezz stmat li jinkiseb jekk l-assi kellhom jinbiegħu fis-suq bl-użu ta' sforzi raġonevoli. Din l-istima għandha tkun ibbażata fuq l-aktar assunzjoni konservattiva. Metodi statistiċi jistgħu jiġu applikati wkoll imma bħala metodoloġija ta' valutazzjoni sekondarja biss.

— Riżerva ta' likwidità fil-forma ta' flus kontanti f'euro depożitati ma' kontroparti eliġibbli għandha tinżamm f'kull ħin biex tkopri l-ħlasijiet tal-imgħaxijiet kollha relatati mal-bonds tal-bank koperti għall-perijodu ta' sitt xhur sussegwenti.

— Kull meta l-klassifikazzjoni ta' kreditu għal żmien qasir ta' min jieħu self kummerċjali b'ipoteka sottostanti taqa' 'l isfel mill-grad 2 ta' kwalità ta' kreditu fid-disa' xhur qabel ma jimmatura bond tal-bank kopert *hard bullet*, min jissellef għandu jgħaddi ammont ta' flus kontanti f'euro biżżejjed biex ikopri l-parti rilevanti tal-ħlas prinċipali tal-bond tal-bank kopert kif ukoll spejjeż relatati skedati biex jitħallsu minn min jagħmel il-ħruġ taħt bond tal-bank kopert lir-riżerva ta' likwidità.

— Fil-każ ta' stress ta' likwidità, id-data tal-maturità oriġinali tista' tiġi estiża sa 12-il xahar biex tikkumpensa għal avariji ta' maturità bejn is-self ammortizzat fil-pool ta' kopertura u l-fidi tal-*bullet* tal-bond tal-bank kopert. Madankollu, il-bond tal-bank kopert isir ineliġibbli għall-użu proprju wara d-data ta' maturità oriġinali.

(*) Bonds ta' banek koperti strutturati appoġġati minn self tal-proprjetà immobbli residenzjali sottomessi qabel l-10 ta' Ottubru 2010 li ma jikkonformawx ma' dawn il-kriterji jistgħu jibqgħu jintużaw sal-31 ta' Marzu 2011. Bonds tal-bank koperti strutturati appoġġati minn self ta' ipoteka kummerċjali, sottomessi qabel l-1 ta' Frar 2011 li ma jikkonformawx ma' dawn il-kriterji jistgħu jibqgħu jintużaw sal-31 ta' Marzu 2011."

(b) It-tmien paragrafu (is-sitt paragrafu taħt l-intestatura "Regoli għall-użu ta' assi eliġibbli") jinbidel b'dan li ġej:

"Barra minn hekk, għall-bonds ta' banek koperti strutturati appoġġati minn self tal-proprjetà immobbli residenzjali jew bonds tal-bank koperti strutturati appoġġati minn self ta' ipoteka kummerċjali, il-kontropartijiet għandhom jipprovdu konferma legali minn ditta legali rinomata li tikkonferma li ġew sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet:

— Min joħroġ il-bonds tal-bank koperti huwa istituzzjoni ta' kreditu inkorporata fi Stat Membru tal-UE, u mhux vettura b'għan speċjali, anki jekk dawn il-bonds huma ggarantiti minn istituzzjoni ta' kreditu inkorporata fi Stat Membru tal-UE.

— Min jagħmel il-ħruġ jew il-ħruġ tal-bonds huma suġġetti, bil-liġi tal-Istat Membru fejn min jagħmel il-ħruġ huwa inkorporat jew fejn il-bonds inħarġu, għal superviżjoni pubblika speċjali intiża biex tipproteġi d-detenturi tal-bond tal-bank kopert.

— Fil-każ tal-insolvenza ta' min jagħmel il-ħruġ, id-detenturi tal-bonds għandhom prijorità fir-rigward tar-rimborż tal-kapital u l-ħlas ta' imgħax ġej minn assi eliġibbli (sottostanti).

— Somom ġejjin mill-ħruġ ta' bonds tal-bank koperti għandhom jiġu investiti (skont ir-regoli ta' investiment stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-bond tal-bank) skont il-leġiżlazzjoni tal-bond tal-bank kopert nazzjonali rilevanti jew leġiżlazzjoni oħra applikabbli għall-assi in kwistjoni."

(3) Fit-Taqsima 6.4.3 għandha tiżdied is-subtaqsima li ġejja:

"**Depożiti b'terminu fiss**

Depożiti b'terminu fiss mhumiex suġġetti għal *haircut* ta' valutazzjoni."

(4) It-tabella fl-Appendiċi 5 tinbidel b'dan li ġej:

"**Is-siti elettroniċi tal-eurosistema**

| Bank Ċentrali | Sit Elettroniku |
|---|---|
| Bank Ċentrali Ewropew | www.ecb.europa.eu |
| In-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | www.nbb.be jew www.bnb.be |
| Id-Deutsche Bundesbank | www.bundesbank.de |
| L-Eesti Pank | www.eestipank.ee |
| Is-Central Bank of Ireland | www.centralbank.ie |
| Il-Bank of Greece | www.bankofgreece.gr |
| Il-Banco de España | www.bde.es |
| Il-Banque de France | www.banque-france.fr |
| Il-Banca d'Italia | www.bancaditalia.it |
| Is-Central Bank of Cyprus | www.centralbank.gov.cy |
| Il-Banque centrale du Lussemburgu | www.bcl.lu |
| Il-Bank Ċentrali ta' Malta/Central Bank of Malta | www.centralbankmalta.org |
| Id-De Nederlandsche Bank | www.dnb.nl |
| L-Oesterreichische Nationalbank | www.oenb.at |
| Il-Banco de Portugal | www.bportugal.pt |
| In-Národná banka Slovenska | www.nbs.sk |
| Il-Banka Slovenije | www.bsi.si |
| Is-Suomen Pankki | www.bof.fi" |

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 199 tat-18 ta' Lulju 2008)*

F'paġna 68, Anness III, punt 3.8:

*minflok:* "Għal fjuwil ta' kompożizzjoni CxHyOz il-formola ġenerali hija:

$$X = 100 \frac{x}{x + \frac{y}{2} + 3,76\left(x + \frac{y}{2} - \frac{z}{2}\right)}$$"

*aqra:* "Għal fjuwil ta' kompożizzjoni CxHyOz il-formola ġenerali hija:

$$X = 100 \frac{x}{x + \frac{y}{2} + 3,76\left(x + \frac{y}{4} - \frac{z}{2}\right)}$$"

**Rettifika**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura** (ĠU L 199, 18.7.2008) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 68

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT